**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 4 ta' Lulju, 2024

Rikors Ġuramentat: 122/17AL

**A B C**

**vs.**

**D B**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv 1000/2007)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi[1] li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1.

*1. ILLI l-kontendenti zzewgu nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u sebgha (2007), liema zwieg gie ccelebrat gewwa s-Santwarju tat-Twelid ta' Marija Bambina fil-Mellieha, u rregistrat ukoll fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, l-Belt Valletta bin-numru 1017/2007, u dan kif evidenzjat mid- Dokument hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A';*

*2. ILLI minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom wild minuri wiehed (1), u cioe' E B, li twieldet fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) u li għalhekk ghad ghandha biss hames (5) snin (Certifikat tat-twelid tal- minuri hawn anness u mmarkat bhala 'Dok B');*

*3. ILLI sfortunament l-intimat irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti impossibbli, u z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment u ma tezisti ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni u filfatt il-partijiet diga ilhom zmien jgħixu separatament minn xulxin u dan wara illi l-intimat telaq mid-dar matrimonjali;*

*4. ILLI fost affarijiet ohra, l-istess konvenut rrenda ruhu hati ta' ingurji, eccessi, sevizzi, u theddid fil-konfront ta' l-attrici, filwaqt li dejjem kellu problema serja ta' abbuz tad-droga li qatt ma rnexxielu jeghleb, u liema problema rrendiet il- hajja tal-kontendenti impossibli, anke peress illi huwa lanqas qatt kien kapaci jmanti l-familja tieghu u jzomm impjieg fiss;*

*5. ILLI l-kontendenti gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti, permezz tad-Digriet appositu ta' din l-Onorabbli Qorti Civili, Sezzjoni tal- Familja, tat-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena kurrenti elfejn u sbatax (2017), liema Digriet qed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'Dok C';*

*GHALDAQSTANT ir-rikorrenti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna:*

*i. TIDDIKJARA u TIPPRONUNZJA s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat kif fuq spjegat, u konsegwentement TAWTORIZZA lir-rikorrenti tghix*

*separatament minn ma' zewgha, filwaqt illi TAWTORIZZA wkoll lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha C;*

ii. *TAKKORDA l-kura u l-kustodja tal-imsemmija minuri esklussivament f'idejn ir- rikorrenti attrici u TORDNA illi l-minuri ghandha tibqa' tirresjedi ma' ommha r-rikorrenti; filwaqt li TIFFISSA a favur tal-intimat, access xieraq ghall-istess bintu E, b'dawk il-modalitajiet ta' access li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa, u taghti wkoll dawk il-provvedimenti necessarji kollha fir-rigward, inkluz jekk ikun hemm il-bzonn, (u dan minhabba l-qaghda tal-intimat u cioe' l-problema ta' droga tieghu), illi tali access ikun wiehed supervizjonat;*

iii. *TILLIKWIDA U TIFFISSA manteniment ghall-wild tal-partijiet E B C, u TORDNA lill-intimat ihallas l-istess somma hekk iffissata lir-rikorrenti, sakemm il-wild tal-partijiet taghlaq l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm il-wild tieqaf tistudja fuq bazi full time, skond liema eventwalita tavvera ruhha l-ewwel; u f'kaz illi l-wild ma tibqax tghix mar-rikorrenti, izda tibqa tistudja fuq bazi full time, TORDNA lill-intimat jghaddi s-somma ta' manteniment hekk stabbilita direttament lill-wild E; u dan b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika skond l-gholi tal-hajja; u TORDNA wkoll lill-intimat sabiex jhallas ukoll nofs l-ispejjez kollha konessi mas-sahha u l-edukazzjoni tal-wild E;*

iv. *TORDNA illi l-manteniment hekk iffissat ghall-wild tal-partijiet E ghandu jigi mnaqqas direttament mill-introjtu tal-intimat, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun talvolta qed jiricevi;*

v. *TIDDIKJARA illi bl-agir tieghu l-intimat ddekkada minn kull dritt li jitlob manteniment minghand martu r-rikorrenti;*

vi. *TAPPLIKA kontra l-intimat l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-ordni li huwa jitlef kull dritt li jiret lil martu;*

vii. *TORDNA u dan fl-interess suprem tal-wild tal-kontendenti E, illi sakemm l-istess wild tibqa' tghix mar-rikorrenti, sa massimu tal-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, ir-rikorrenti ghandha tibqa tirresjedi esklussivament flimkien ma' bintha fid-dar matrimonjali tal-kontendenti bl-indirizz 55, 'Muse' Triq Gorg Borg, is-Swatar, B'Kara, u dan principarjament anke tenut kont tal-fatt illi z-zwieg tal-partijiet tkisser b'tort ESKLUSSIVAMENT tal-intimat;*

viii. *IXXOLJI u TILLIKWIDA l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux ugwali, fid-dawl tal-fatt illi l-intimat huwa unikament hati ghas-separazzjoni, u billi wkoll tigi stabbilita data minn meta l-intimat jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti; TASSENJA porzjon lir-rikorrenti u porzjon lill-intimat ope sententiam, filwaqt li tinnomina Nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza, u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja tal-intimat fuq l-istess att, f'kaz illi l-istess intimat jonqos milli jottempora ruhu ma' l-ordnijiet moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

ix. *TIDDIVIDI l-gid komuni tal-kontendenti, li mhux formanti parti mill- komunjoni tal-akkwisti, wara anke li terga tqies il-fatt illi z-zwieg tkisser tort ta' l-intimat;*

x. *TORDNA lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni u l-krediti parafernali u dotali taghha, u dana fi zmien qasir u perentorju, li għandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti, u fin-nuqqas li l-intimat jaghmel dan, TIKKUNDANNAH jhallas lill-attrici dik is-somma li għandha tigi likwidata, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti;*

xi. *TAGHTI kull provvediment iehor xieraq u opportun.*

*BL-ISPEJJEZ inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili u tal-Medjazzjoni kontra l-intimat, li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-attriċi;

Rat il-lista ta' xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut[2] fejn eċċepixxa:

1. *ILLI l-eccipjenti jaqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u bejn martu pero dan minhabba htijiet imputabbli unikament lill-istess attrici.*

2. *ILLI l-eccipjenti jaqbel illi l-esponenti ghandha tghix separata mill-konvenut esponenti u kif ukoll jaqbel li l-esponenti tigi awtorizzara tirriverti ghal kunjom xbubitha C.*

3. *ILLI l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata fídejn il-kontendenti flimkien u dana stante li huwa assolutament mhux minnu li l-eccipjenti ghandu problema tad-droga u sahansitra jekk xi darba kien hemm xi abbuz ta' droga dan sehh ukoll da parti ta' l-esponenti attrici u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt il-mori tal-kawza.*

4. *ILLI ghalhekk it-tieni talba ghandha tigi michuda.*

5. *ILLI l-eccipjent jaqbel mat-tielet talba mressqa mill-esponenti u dana minghajr pregudizzju ghall-fatt li dejjem ivversa manteniment ghall-bzonnijiet kollha tal-minuri u dejjem ha hsieb kwalunkwe sitwazzjoni finanzjarja fil-konfront tal-minuri.*

6. *ILLI ghalhekk l-eccipjent jaqbel ukoll mar-raba talba mressqa mill-esponenti attrici martu.*

7. *ILLI l-esponenti jaqbel mal-hames talba mressqa mill-attrici izda limitament bl-eskuzzjoni tal-fatt li d-dekadenza ghandha tigi affetwata minhabba l-agir tieghu.*

8. *ILLI l-eccipjent ma jaqbilx mas-sitt talba ta' l-attrici u dana ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati fil-mori tal-kawza.*

[2] Fol. 42.

*9. ILLI l-eccipjent ma jaqbilx assolutament mas-seba talba u dana tenut kont li fil-verita z-zwieg tkisser b'tort esklussivament tal-attrici u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt il-mori u trattazzjoni tal-kawza.*

*10. ILLI l-eccipjent ma jaqbilx assolutament mat-tmien talba attrici u dana stante li mhux talli l-attrici hija unikament hati ghas-separazzjoni izda qeghda taghmel minn kollox sabiex l-esponenti isoffri danni u dana bl-ghan ta' arrikament indebitu da parti taghha bhalma qed isir prezentenment fejn qeghda tutilizza d-dar matrimonjali sabiex idahhal terzi persuni mhux maghrufin li qeghdin jaghmlu uzu mill-propjeta u l-affarijiet personali ta' l-eccipjenti bl-iskuza li applikat ghal-licenzja tal-host families.*

*11. ILLI L-eccipjent jaqbel mad-disgha talba izda limitatament u dan billi z-zwieg tkissier tort ta' l-attrici.*

*12. ILLI L-ghaxar talba hija intiza sabiex tizvija l-qorti ghaliex fil-verita l-attrici qeghda tabita gewwa d-dar matrimonjali ad esklussjoni ta' l-intimat fejn mhux talli gja hadet il-gid parafernali u dotali kollha taghha li huma fil-pussess kollha taghha izda talli qabdet b'manjiera unilaterali u bieghet u ghadha tbiegh oggetti gewwa d-dar matrimonjali formanti parti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti u sahansitra biddlet wkoll s-serattura tad-dar matrimonjali sabiex tichad l-esponenti minn kwalunkwe dritt li jista jkollu jew ghandu fuq il-propjeta u l-affarijiet personali tieghu,*

*13. ILLI ghalhekk l-eccipjent jaqbel illi jikkonsenja lill-esponenti l-beni dotali u parafernali taghha kif fil-verita diga sar u dan premess li biddlet is-serratura tad-dar matrimonjali u għalhekk gja giet unilateralment moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.*

*Salv eccezzjoni ulterjuri permessi mill-ligi*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili u tal-Medjazzjoni minn issa ingunt ghas-subizzjoni*

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-konvenut;

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenut;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru progressiv 1000/2007;[3]

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri E B C bin-numru 1037/2012;[4]

Rat kopja tad-digriet tat-2 ta' Mejju 2017[5] li bih il-Qorti ddikjarat li l-medjazzjoni hija magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-termini mposti mil-liġi;

Rat il-verbal tal-5 ta' Ottubru 2017[6] fejn il-Qorti ħatret lil Dr Abigail Critien bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi kollha f'din il-kawża u l-verbal tas-27 ta' Novembru 2018[7] fejn il-Qorti ħatret lil Dr Maria Dolores C bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tissostitwixxi lil Dr Abigail Critien wara li din għamlet rikors minħabba kunflitt t'interess;

Rat is-sentenza *in parte* mogħtija fit-22 ta' Novembru 2017, fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi u *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Maria Dolores C, ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi ppreżentata fit-28 ta' Awwissu 2023;[8]

---

[3] Fol. 10.
[4] Fol. 11.
[5] Fol. 14.
[6] Fol. 407.
[7] Fol. 503.
[8] Fol. 3431.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ppreżentata fil-31 ta' Jannar 2024;[9]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[10]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Illi l-partijiet iżżewwġu fit-28 ta' Ġunju 2007 u minn dan iż-żwieġ twieldet tifla jisimha E fis-27 ta' Frar 2012. Permezz tal-azzjoni odjerna, l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, *stante* li ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment wara li l-konvenut, fost affarijiet oħra, rrenda ruħu ħati fil-konfront tal-attriċi ta' sevizzi, eċċessi u inġurji u theddid, filwaqt li dejjem kellu problema serja ta' abbuż ta' droga, liema problema rrendiet il-ħajja tal-kontendenti impossibli anke peress li ma kienx kapaċi jmanti familja u jżomm impjieg fiss. Magħdud ma' dan, l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Issir referenza għar-rikors promotur fejn l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba li l-konvenut irrenda l-ħajja matrimonjali impossibli u ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment u li l-konvenut irrenda ruħu ħati ta' sevizzi, eċċessi, theddid u inġurji;

2. Tawtorrizzaha tgħix separatament minn żewġha u tirreverti għal kunjom xbubitha 'C';

3. Tiddeċiedi dwar il-kura, l-kustodja, residenza, aċċess u l-manteniment u l-modalitajiet tal-ħlas tiegħu għal E B C;

---

[9] Fol. 3463.
[10] Verbal tas-6 ta' Frar 2024 a. fol. 3557.

4. Tapplika kontra l-konvenut d-dekadenzi stipulati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

5. Tordna lill-konvenut sabiex jivvaka d-dar matrimonjali sabiex hija tibqa' tgħix ma' bintha fid-dar sa massimu tal-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

7. Tillikwida u tassenja l-assi parafernali tal-attriċi;

Min-naħa l-oħra, l-konvenut filwaqt li jiddikjara l-qbil tiegħu mat-talba għas-separazzjoni personali, jiċħad dak attribwit lilu u jsostni li l-ħtija tirrisjedi unikament fuq l-attriċi u jgħid li ż-żwieġ tkisser b'tort esklussivament tagħha.

**2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilità għat-tkissir taż-żwieġ:**

*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-allegati tortijiet attribwiti lill-Konvenut:*

L-attriċi tixhed permezz ta' affidavit intavolat waqt is-seduta tal-4 ta' April 2019[11] quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Maria Dolores C, fejn hija tgħid li ltaqgħet mal-konvenut *tramite* oħtu F u għal bidu kienu joqgħodu f'post mikri minnha u minn oħt il-konvenut fejn kienu daħlu jgħixu wkoll il-konvenut u l-għarus ta' oħtu.

Wara ftit xhur li fihom bdiet relazzjoni bejn il-partijiet, huma kienu marru jgħixu ma' omm il-konvenut għaliex il-konvenut ma riedx iħallas iktar kera. Ftit wara, hija ddeċidiet li tixtieq tuża' l-ftit iktar minn ħmistax-il elf Lira Maltin (Lm15,000) li kellha biex tixtri post għaliha. Dawn il-flus kienu sehemha mill-proprjetà li kienet xtrat mal-ewwel għarus tagħha fil-Mellieħa meta mbagħad kienet biegħetlu sehmha (korrispondenza man-Nutar u mad-Dipartiment tat-taxxi u kopja taċ-ċekkijiet annessi). Tgħid li l-konvenut ma kienx jaqbel li tixtri post weħedha u li hu dak iż-żmien ma kellux sold taħt rasu u li diġà kellu l-problema tad-droga.

---

[11] Fol. 506.

Tgħid li aċċettat li jixtru post flimkien fl-istess sena, 2004, u xtraw post għall-prezz ta' tmienja u tletin elf Liri Maltin (Lm38,000) *shell form* u ħallsu tnax-il elf Lira Maltin (Lm12,000) għall-*finishings* (kopja tal-kuntratt anness). Tgħid li bil-ħmistax-il elf Lira Maltin (Lm15,000) li kellha hi, kienet ħallset id-deposit li kienet tammonta għal tliet elef Lira Maltin (Lm3,000) u tnax-il- elf Lira Maltin (Lm12,000) lill-kuntrattur għall-*finishings*. Tgħid li setgħu jagħmlu dal-pass daqs kemm stinkat u ħadmet hi u l-familja tagħha. Tgħid li missierha kien ħallsilhom il-honeymoon u ħuha għamlilhom ħafna mill-ikel tat-tieġ filwaqt li missier il-konvenut ħallsilhom l-irħam tad-dar.

Biex inxtrat id-dar kienu ħadu *loan* ta' ħamsa u tletin elf Lira Maltin (Lm35,000) li tgħid li għall-ewwel kien jitħallas minn *joint account* iżda mbagħad wara ftit xhur beda jitħallas minn *account* tagħha. Tgħid li l-post kienu xtrawh is-Swatar viċin ix-xogħol tal-konvenut għaliex dan kien jaħdem ġo *hardware store* li kien ramalu missieru. Fl-2008 kienu wkoll xtraw garage li jinsab taħt id-dar. Ftit qabel it-tieġ, fl-2007, tgħid li kienet isselfet flus mingħand in-nannu tagħha, G H llum mejjet, iz-ziju Fr I H u z-zija (illum mejta) Sr J H. Hija sselfet mingħandom sittax-il elf Lira Maltin (Lm16,000) biex tħallas il-bank u ma tkabbarx l-imgħax (annessi dokumenti ffirmati miz-zijiet). Hija tippreżenta wkoll dokumenti li juru li kienet ħallset id-dejn kollu mal-parentela tagħha u affidavit taz-ziju li jgħid li għalkemm l-ammonti kollha tħallsu fl-2012, u għalhekk fiż-żwieġ, dawn tħallsu minn l-attriċi għaliex dak iż-żmien kien qed ifalli n-negozju tal-konvenut.

Hija tgħid li għamlu wkoll dejn maz-zija ta' ommha K L għall-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000) b'interessi ta' tnejn punt ħamsa fil-mija (2.5%) fl-2005 u dan ħaduh minħabba d-dar matrimonjali liema dejn ġie shifted minn mal-Bank HSBC għal maz-zija tagħha peress li dak iż-żmien il-konvenut ma kienx jaħdem (affidavit taz-zija K anness). Fil-fatt, meta ntlaħaq il-ftehim tgħid li tħallset is-somma li kien fadal mal-Bank HSBC. Tgħid li kellhom dejn ieħor mal-istess zija ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) bi tnejn punt ħamsa fil-mija (2.5%) interessi. Tgħid li dan l-ammont ingħata lilha parti minnu fl-2010 u l-kumplament fl-2011 sabiex jitħallas l-*overdraft* tal-*hardware store* li kien sejjer ħażin. Tgħid li f'inqas minn sentejn il-konvenut reġa' tella d-dejn għal għoxrin elf Ewro

(€20,000) li mbagħad ħallashom missieru billi żamm l-istock tal-ħanut inkluż xi affarijiet li kellhom mill-gabbana li kienu ta' oħtha wkoll u kompla għamel tajjeb għad-dejn ta' ibnu. Tgħid li peress li fl-2016 bdiet is-separazzjoni hija kienet laħqet ftehim maz-zijiet u dan id-dejn waqaf jitħallas u għadu ma tħallasx.

Tgħid ukoll li ttieħed dejn mingħand zija oħra M N (skrittura privata annessa) ta' tmien t'elef Ewro (€8,000) b'interessi ta' tnejn punt ħamsa fil-mija (2.5%) fl-2013 mil-liema dejn baqa' bilanċ ta' ħamest elef, sebgħa mija u tnejn u erbgħin elf Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€5,742.75). Dan id-dejn tgħid li għamluh peress li l-konvenut kien falla fin-negozju u kien ser jibda negozju ieħor ta' *food truck*. Tgħid li flimkien ma' oħtha kienu ħadu *Jeremie loan* mal-Bank BOV (kuntratt u riċevuta annessi) u ssellfu tlettax-il elf Ewro (€13,000) mingħand żewġ zijiet. Meta falla mbagħad intlaħaq ftehim ma' oħtha li hi tagħlaq id-dejn mal-Bank u l-attriċi tkompli maz-zijiet. Tgħid li ssetiljaw billi biegħu l-gabbana u l-kumplament ħallsuh hi u oħtha (affidavit ta' oħtha anness).

Tgħid li l-konvenut qatt ma ried jassumi r-responsabbiltà tad-djun u fil-fatt tgħid li qatt ma ħallas minnhom hu. Tgħid li fl-2013 imbagħad huwa kien qalilha biex isellfu xi flus lil sieħbu R, liema flus hi kienet qed iġġemma għat-tifla. Hija ma xtaqitx illi l-konvenut jieħu dawn il-flus u għalhekk investiethom fuq proprjetà oħra 'l Mellieħa (kuntratt u irċevuti u kopja taċ-ċekkijiet annessi).

Hija tirrakkonta li meta kienu joħorġu l-konvenut dejjem kien jispicca '*happy zzejjed'* u li hi ma kinitx għadha kapaċi tinduna jekk hux xorb jew użu ta' sustanzi. Wara li bdiet tinduna li qed jagħmel użu minn xi sustanzi kienet ġieli ratlu trab ma' mnieħru iżda huwa kien jiċħad li ħa xi ħaġa. Tgħid li wara ħafna ġlied kien jammetti li juża d-droga biex jissoċjalizza u kien jgħidilha li kulħadd jagħmilha. Tgħid li s-sitwazzjoni bdiet tiggrava fl-2011 meta kienet tqila bit-tifla. Tgħid li saħansitra darba marru tieġ u kellu pakkett sigaretti li kien mimli bid-droga u li kien tilfu. L-għada tgħid li marru jfittxuh u ma sabuhx u tgħid li ma kinitx taf kienx bi ħsiebu jbiegħ jew inkella vvintax din l-istorja biex fil-pożizzjoni li kienet jitlobha l-flus. Tgħid li tant kienet tipprepara biex tipprovdi għall-familja tagħha li fl-2009 kienet għamlet kors tal-*Beauty and Body* biex wara li jkollha t-tfal tkun tista' taħdem mill-garage tad-dar jekk ma jirnexxiliex tkompli xogħol *full*

*time*. Tgħid li kienet ġabet il-permessi u ramat il-ħanut u għenitha l-mara ta' ħuha li tatha l-magni sabiex tkun tista' tibda topera.

Tgħid li ftit xhur wara li kellha t-tifla, jiġifieri fl-2012, hija bdiet tattendi l-Caritas minħabba l-problemi tal-konvenut u l-problemi li kien qed joħloq fiż-żwieġ tagħhom. Il-konvenut ma kienx jattendi dawn il-laqgħat. Hu kien jiċħad li għandu problema. Tgħid li kienet xtrat ukoll it-testijiet minn *Ebay* u kienet tagħmillu t-test u minkejja li hu kien jiċħad, it-test kien ikun *positive*. Tgħid li jew kien jgħidilha li kienu ħżiena t-testijiet jew li kien ħa xi jumejn qabel. Tgħid li tant kien jigdbilha li kien iġibha fid-dubju u għalhekk kienet tibgħat ukoll *sample* tal-urina tagħha biex tittestjah ħalli tara hemmx differenza bejn tagħha u tiegħu. Tgħid li kienet bagħtet ukoll lill-Kumpanija tat-testijiet tgħidilhom li forsi kienu ħżiena u talbuha tibgħathom l-laboratorju ħalli jiġu testjati. Tgħid li minbarra l-Caritas marret l-Appoġġ bejn l-2013 u l-2015 għaliex il-konvenut kien jgħidilha li l-problemi ma kienux id-droga imma ż-żwieġ tagħhom u tgħid li spiċċat tmur għand *psychologist* fejn kien imur hu wkoll, li kien iżda qalilha li ma kienux ta' jdejh jekk il-konvenut ser jibqa' jieħu d-droga u għalhekk bdew imorru għand Dr Charles S.

Fl-2014, imbagħad, biex tkompli tgħin finanzjarjament kienet bdiet iġġib l-istudenti d-dar ħalli jkollha iktar dħul iżda anke hawn sabet il-problemi għaliex tgħid li l-istudenti kienu jgħidulha li qed isibu l-flus neqsin. Darba spiċċa anke talab flus lil student u dan sellfu ħamsin Ewro (€50). Tgħid li kemm il-darba kien qalilha li l-istudenti kienu jħallu l-flus jiġru imma hu ma kienx ikollu għalfejn jidħol fil-kmamar tagħhom. Tgħid li meta kien jara l-flus kien jinkileb li jieħu d-droga tant li kienet ġibdet l-attenzjoni tal-ġenituri tiegħu biex fil-festi ma jagħtuhx rigali fi flus la lilu u lanqas lit-tifla. F'Jannar tal-istess sena tgħid li l-konvenut kien seraq ammont sostanzjali ta' flus mingħand oħtu F u l-familja tiegħu spiċċaw ma jkellmuhx. Tgħid li anke lilha missilha flus mill-portmoni iżda hu kien iġiegħlha taħseb li xtrat xi affarijiet u nsiet u tant kien ġabha tiddubitha li kienet tispiċċa ċċempel lill-klijenti tagħha u ssaqsihom kif ħallsuha.

Tgħid li dak iż-żmien kienet għadha qed tittama li ssalva ż-żwieġ tagħha u għalhekk wara li l-konvenut falla żewġ negozji talbet lil ħuha jdaħlu jaħdem ġo restaurant minn tiegħu u li dan għamel hekk b'rispett tagħha. Tgħid li darba kien ċemplilha ħuha jistaqsiha fejn kien mar il-konvenut,

meta dan kien ilu xi ħames siegħat li telaq mid-dar biex imur għax-xogħol. Tgħid li staqsiet lil ħuha kienx tah il-paga u dan qalilha li tahilu *cash* u hija sa dak iż-żmien kienet drat li l-konvenut ma jistax ikollu flus f'idejh. Wara ħafna siegħat ifittxuh fejn anke involviet lil familtu tgħid li sabuh fis-*store* ta' missieru "*imdamdam u meqrud*". Tgħid li hawn ma felħitx iktar u telqitu u mar jgħix għand ommu iżda li ftit wara kienet semgħet qassis jgħid waqt quddiesa li dak li nistgħu nsolvu ma naqtgħux qalbna minnu u bħal messha f'qalbha u ċemplet lill-konvenut tgħidlu li lesta taħfirlu sabiex issalva ż-żwieġ. Tgħid li marru *cruise* li kien diġà pjanat u li f'nofs il-cruise l-vapur kellu jieqaf Malta għal ftit ħin u sakemm kienu hawn il-konvenut kien iltaqa' ma' ħabib tiegħu li kien ukoll jabbuża mid-droga u spiċċaw ħażin u ħabtu bil-karozza.

Tkompli li "*Wara li rrangajna xorta baqa ghaddej bil-kummiedji u anki kont qbadtu f'nofs ta' lejl fil-gallarija jiehu d-droga. Xhin iffaccjajtu pprova jahbi kollox imma jien kont rajtu. Iktar ma beda jghaddi z-zmien iktar l-affarijiet bdew jiggravaw. Bdejt billi sibt l-ghatu ta' siringa u hu kien qalli li dik uzaha biex jittestja l-ilma tal-akwarjum. Kont insib ic-citric acid fil-baskett tax-xoghol u l-qmis tax-xoghol imcappsa bid-demm. Darba anki pilloli tas-suboxone sibt fuq il-bar tad-dar f'post fejn setghet tilhaqhom it-tifla u dan minbarra siringi li kont insib fil-kcina. Daqshekk jien ma stajtx noqghod kwieta fid-dar. Id-dar kien gabha dar mahmuga ta' junkie li mhux tajba jew addatata ghan-nies ahseb u ara ghal tarbija*."[12]

Tgħid li ħuha waqqfu milli jaħdem miegħu iżda li biex ma jħammiġlux ir-reputazzjoni ma niżżilx li kien minħabba d-droga. Tgħid li l-istess għamel O P l-imgħallem tiegħu li kien *sub-contractor* mal-Melita u li tiegħu tannetti affidavit. Dan jgħid fl-affidavit tiegħu illi kien qabbad lill-konvenut b'xi xogħol tal-Melita għaliex kellu ħafna xogħol iżda li hu kien responsabbli għall-klijenti mal-Kumpanija. Jgħid li beda jagħmillu ħafna xogħol ħazin u kellu *output* baxx imma l-ikbar problema kienet li kien qed jieħu l-flus tal-klijenti mingħajr ma jroddhom lilu sabiex hu fil-kompetenza ta' *sub-contractor* iħallashom lill-Kumpanija Melita skont il-kuntratt li għandu magħhom. Jgħid li din il-problema tant kienet spiċċat gravi li lanqas kien ikollu flus biex ikopri l-ħlas tiegħu lilu fix-xahar u li hu kien ikollu jerfa' d-diskrepanza tal-flus dovuti mill-konvenut għall-Kumpanija.

[12] Fol. 512.

Jgħid li kien qiegħed ukoll jargumenta bla bżonn u jaġixxi b'mod aggressiv mal-klijenti u anke żamm għalih *tablet* li hu tahulu biex jaħdem xogħolu u għamel rapport l-Għassa biex seta' ġabar dan it-*tablet*. Jgħid li għalkemm wissih diversi drabi ġie konxju li huwa dipendenti fuq droga u dan ikkonfermah ukoll għax xeba jagħtih flus *upfront* minn qabel. Jgħid li minħabba fih ġie mwaqqaf mill-Kumpanija Melita.

L-attriċi tkompli tgħid li fl-2016 hija bdiet il-proċeduri ta' separazzjoni. F'dik is-sena kienet sabet ammont kbir ta' siringi mitfugħin mill-*washroom* fl-għalqa ta' warajhom u tgħid li għandha filmat tal-konvenut ifittex fl-għalqa wara li jkun tefgħahom biex ma ssibhomx hi. Tgħid li hi kienet għamlet rapport mal-pulizija u ġew jiġbru s-siringi. Tkompli li spiċċa anke l-isptar minħabba boċċa li telgħetlu fejn kien jittaqqab u għadda żmien Dar l-Impenn għall-programm u ġewwa l-Oasi Għawdex. Tgħid li n-nies bdew jindunaw minn kif kien jidher li hu għandu xi ħaġa. Tgħid li baqgħet tipprova ssalva ż-żwieġ biss minħabba t-tifla. Tgħid li meta nfirdu lanqas kien jagħtiha manteniment għat-tifla u li mbagħad meta ġie ordnat mill-Qorti kien iħallashom missieru.

Tirrakkonta li kienet tħoss li kellha tkun dejjem hi responsabbli u ssolvi l-problemi kontinwament u eżempju ta' dan kien li kien ikollha ċċempillu mix-xogħol biex tqajjmu għaliex inkella ma jiftaħx il-ħanut meta dan kien jaħdem il- *hardware store* u kellu jiftaħ kmieni biex jaqdi l-ħaddiema tax-xogħol. Tgħid li lilha kissirha mentalment u li tant kien jigdbilha li kienet tispiċċa tiddubita lilha nfisha. Tgħid li meta ma kienx jirnexxi fix-xogħolijiet kien jgħid li hu l-vittma u għal l-ewwel kienet temmen hekk hi wkoll u għalhekk kienet tħoss li għandha tistinka hi la x-xogħol tagħha jirnexxi. Tgħid li anke apparat għall-*band* li beda kienet xtratlu u tħoss li fiż-żwieġ hi kellha tkun ir-raġel u l-mara. Tgħid li spiċċat dejjem iġġorr flus u deheb fil-basket magħha biex ma jeħodhomx hu. Tippreżenta wkoll basket bis-siringi u affarijiet oħra relatati mad-droga.

In kontro-eżami[13] tgħid illi l-kuntratt tad-dar matrimonjali qiegħed fuq it-tnejn u li fid-dar matrimonjali bħalissa qed jirrisjedu hi u t-tifla biss. Tgħid li nfetħu u ngħalqu diversi kontijiet għaliex kienet tfaddal għal diversi affarijiet u *loans*. Tgħid ukoll li kienu għamlu konvenju fuq post Birkirkara

[13] Seduti tal-10 ta' Ottubru 2022 a. fol. 3180 u tat-30 ta' Jannar 2023 a. fol. 3223.

iżda li mbagħad ma resqux għall-kuntratt. Tikkonferma li hi kienet tagħmel xogħol ta' *host family* mal-iskola EF billi tilqa' l-istudenti f'darha u li titħallas billi l-flus jidħlu f'kont tagħha. Tgħid li qabel is-separazzjoni tal-assi kienu jġibu l-istudenti meta ma kellux xogħol. Tgħid li ma jfissirx li għax il-konvenut kien reġistrat li qed jaħdem hu kien jagħmel il-flus u jġib flus id-dar u li mid-dokumenti tat-taxxa dan jidher ċar. Tispjega li meta kellu l-ħanut hu kellu *bank overdraft* u *account* tal-ħanut u li hi kienet tefgħet il-flus ġo fih biex tiġbru mill-falliment. Tgħid li l-ħanut falla għax il-konvenut ma kienx kapaċi jmexxih. Tgħid li għalkemm il-konvenut ma ffirmax l-iskrittura maz-zijiet li mingħandhom isselfu l-flus iżda li hu naturalment kien jaqbel ma dan għaliex kien tajjeb għalih li jiffranka l-persentaġġ ta' interessi tal-Bank.

Tgħid li biex għamlu l-*finishings* tad-dar ħadu *loan* mill-Bank u li d-dawl u l-ilma għaddewulhom iz-zijiet tal-konvenut u missier il-konvenut l-irħam tad-dar. Tgħid li dak li ma kienx ikun jista' jirranġa l-konvenut kien jgħinu missieru, eż. meta kienet tmur xi bozza. Tgħid li kienet għamlet żmien taħdem mill-garage.  Tgħid li l-madum diġà kien hemm u li għamlu *partition* u li l-mara ta' ħuha tatha l-aċċessorji għaliex kellha ħanut hi wkoll biex taħdem bihom. Il-*partition* tgħid li għamililhom missier il-konvenut. Tgħid li għall-faċendi fid-dar dejjem kellhom *helper* tgħinhom. Hija tkompli li l-*istock* tal-ħanut li kien jiswa l-eluf ħadu missieru u ma tafx x'sar minnu. Tgħid li l-karozza tat-tip *Daihatsu* ma biegħethiex imma bagħtitiha għall-iscrap għaliex il-konvenut rema ċ-ċavetta u l-karozza ġabha mandra u kienet qed taqla' ċ-ċitazzjonijiet fuqha, faqagħha u kienet bla dawl.  Hi kienet xtratha meta kienet tqila bit-tifla. Tgħid li mid-dar żgur ma biegħet xejn anzi żiedet affarijiet.

*Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi tressaq is-segwenti provi:*

a. *Ix-xhieda ta' Q C ossija ħu l-attriċi fis-seduta tal-4 ta' April 2019*[14] fejn jixhed illi oħtu kienet għamlet żmien twil tgħix mal-konvenut u hu kien iltaqa' mal-konvenut f'xi *gig*. Jgħid li b'li qaltlu oħtu u li ntqal minn familjari tiegħu sar jaf li l-konvenut għandu l-problema tad-droga.

[14] Fol. 606.

Jgħid li wara li n-negozju tal-gabbana kien falla, oħtu kienet staqsietu biex il-konvenut jibda' jaħdem f'wieħed mir-restoranti tiegħu. Jgħid li ma jiftakarx kemm dam jaħdem miegħu imma li jaħseb li kienu xi xhur. Jgħid li kien imur tajjeb mal-ħaddiema l-oħra iżda li għamel żmien jew imur tard għax-xogħol jew ma jmurx. Jgħid li wara ċerta żmien sar jaf li għandu l-problema tad-droga u ma kontx tkun tista' taqbdu u li għalhekk kien qallu li jkun aħjar jekk jieqaf jaħdem miegħu. Il-konvenut kien jaħdem bħala kok, li kien għadu jibda fil-kċina u ma kienx taħtu direttament għaliex hu kien l-imgħallem. Il-konvenut kien joħroġ ħafna mal-kollegi tiegħu tax-xogħol imma meta x-xhud kien jistaqsihom x'qed jiġri dawn ma kienux jikxfu lill-konvenut. Madanakollu mbagħad il-*head chef* qal lix-xhud li għalkemm jaf li l-konvenut jiġi r-raġel t'oħtu hu ma setax ikompli sejjer hekk fejn dan kien jew ma jmurx jew imur tard. Jgħid li ma riedx jitterminah hu biex ma jħammġux. L-aħħar darba kien l-episodju li ssemmi l-attriċi wkoll fejn ix-xhud jgħid li ċempel lil oħtu jistaqsiha fejn kien il-konvenut u din ħasbitu qed jiċċajta għaliex kien ilu siegħat li telaq mid-dar. Ix-xhud jgħid li għaddielha l-linja lix-*chef* u dan ikkonfermalha. Jgħid li mbagħad inqala plejtu għaliex ma setgħux isibuh. Jgħid li sar jaf li ma marx għax-xogħol għaliex kien intilef minn sensih u ma jafx fejn kien spiċċa.

In kontro-eżami jgħid li personalment qatt ma ra lill-konvenut jabbuża mid-drogi u qatt ma ordna testijiet tossikoloġiċi fuqu bħala staff tiegħu. Jgħid li qatt ħadd ma qallu li l-attriċi tieħu droga wkoll u li kieku oħtu kienet ħadet id-droga kien jiftakar.

b. *<u>L-attriċi tippreżenta wkoll affidavits ta' kollegi u ħbieb li jikkorroboraw il-verżjoni tagħha u jixhdu għall-karattru ħabrieki tagħha u kemm taħdem għall-familja u kemm hi omm eżemplari għal binthom E. Hija tippreżenta affidavits ta':</u>*

i. *AMB,*[15] *psychotherapist* li ilha taf lill-attriċi għal dawn l-aħħar sbatax-il sena u kienu ltaqgħu għaliex kienet kollega tax-xogħol tagħha ġewwa Transport Malta;

ii. *SD*[16], li ilha taf lill-attriċi għal dawn l-aħħar seba' snin u nofs u kienet ukoll il-*midwife* tal-*Parentcraft classes* li kienu jattendu l-partijiet;

iii. *BS,*[17] kollega tal-attriċi u minn sentejn 'l hawn bdew jaħdmu fl-istess section u t-tnejn iħobbu l-volontarjat f'pajjiżi barranin;

iv. *GF,*[18] kollega oħra tal-attriċi;

v. *MB,*[19] ħabiba tal-attriċi li ilha taf lill-attriċi għal sena;

vi. *MB1,*[20] li saret taf lill-attriċi fil-kors ta' Kana u baqgħu ħbieb minn dak iż-żmien;

vii. *EBC,*[21] li saret taf lill-attriċi fl-iskola primarja u reġgħu ltaqgħu *f'reunion* u baqgħu ħbieb;

viii. *EC,*[22] li kienet klijenta tal-attriċi imbagħad saru ħbieb;

ix. *EG,*[23] *Field Services Manager* ma' Transport Malta u kollega tal-attriċi mis-sena 1999;

x. *TD,*[24] *Manager Traffic Management and Road Safety Department* u kollega tal-attriċi għall-aħħar għaxar snin;

xi. *SE,*[25] kollega ieħor tal-attriċi li ilu jafha dawn l-aħħar għaxar snin u għamlet żmien waħda mis-subordinati tiegħu;

xii. *AJG,*[26] ħabiba tal-attriċi għal iktar minn għoxrin sena;

xiii. *NS,*[27] ħabiba tal-attriċi minn meta t-tifla tal-partijiet kienet tarbija;

xiv. *DB,*[28] *Senior Manager* mat-Transport Malta u kollega tal-attriċi fejn anke kienu jaħdmu fl-istess uffiċju u ilha taf lill-attriċi sbatax-il sena;

---

[15] Fol. 2207.
[16] Fol. 2209.
[17] Fol. 2211.
[18] Fol. 2213.
[19] Fol. 2215.
[20] Fol. 2216.
[21] Fol. 2217.
[22] Fol. 2219.
[23] Fol. 2220.
[24] Fol. 2221.
[25] Fol. 2222.
[26] Fol. 2223.
[27] Fol. 2224.

xv. *VS,*[29] ex-kollega tax-xogħol tal-attriċi u ħbieb;

xvi. *YZ,*[30] *Host Family Co-ordinator mal-kumpanija EF;*

xvii. *NP,*[31] u *EE*[32] *EF English school students* li kienu tnejn mill-istudenti li laqgħet għandha l-attriċi;

c. *Xhieda ta' R Cassa8i*[33]*, facilitator u rappreżentant tal-Caritas* li jgħid li l-konvenut l-ewwel li fittex l-għajnuna tal-Caritas kien f'Ottubru 2000 għaliex kellu l-problema tal-eroina u baqa' għaddej bis-sessjonijiet sakemm f'Mejju 2003 daħal residenti San Blas għall-ewwel programm komplut ta' erbatax-il xahar u dam bl-*aftercare* sa Mejju 2005. Bejn l-2005 u s-sena 2012 jgħid li ma għandux *records* tiegħu. Fl-2012 attenda *outreach session*. Fl-2015 imbagħad reġa' beda s-sessjonijiet għaliex kien qed juża l-kokaina. Dawn komplew sal-2016. Jgħid li fin-notamenti tagħhom għandhom illi f'Lulju 2016 kien hemm miktub li *"he was not being using heroine for 4 months".* Jgħid li ma għandux *records* dwar il-mara tiegħu.

d. *Xhieda ta' T L permezz ta' affidavit intavolat fl-atti fl-10 ta' Novembru 2020*[34] *u xhieda fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2022*[35] *bħala terapista fi ħdan l-OASI* li permezz ta' affidavit magħmul fit-30 ta' Ottubru 2020 jgħid li l-konvenut beda l-programm tat-trattament għal *addiction* tal-Fondazzjoni OASI fis-6 ta' Diċembru 2017 u spiċċa l-fażi residenzjali tal-programm fit-2 ta' Frar 2018 u wara baqa' jżomm kuntatt mal-Fondazzjoni sa ma ntemmet b'suċċess it-terapija tiegħu fit-13 ta' Novembru 2018. Jixhed li l-attitudni tal-konvenut kienet waħda koperattiva. Jgħid li daħal bi problemi ta' *addiction* li ġeneralment ikunu sustanzi jew alcohol iżda li m'għandux fir-*records* tiegħu x'kienu għaliex huma ma jagħmlux distinzjoni dwar dan. Jgħid li jekk jiftakar sew kienet involuta l-eroina.

[28] Fol. 2225.
[29] Fol. 2226.
[30] Fol. 2229.
[31] Fol. 2230.
[32] Fol. 2233.
[33] Seduta tal-11 ta' Frar 2020 a. fol. 2796.
[34] Fol. 2823.
[35] Fol. 2889.

Jgħid li qed jixhed minn rapport dwaru u mhux għaliex rah hu stess. Dan ir-rapport ħejjih hu stess mill-file tal-konvenut.

*<u>Il-verżjoni tal-Konvenut u l-allegati tortijiet attribwiti lill-Attriċi:</u>*

Il-konvenut jixhed fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2022[36] u jgħid li ġieli hu u martu abbużaw mid-droga flimkien u jispeċifika li qed jirreferi għall-kokaina u marjuana. Huwa jgħid li li ġara kien fl-aħħar sena-sena u nofs tar-relazzjoni fejn jgħid li huwa marad. Jgħid li ġieli mar il-Caritas ma' martu u jgħid li l-attriċi kienet tmur il-Caritas minħabba problemi li kellhom bejniethom, kemm fir-relazzjoni u kemm ta' sustanzi. Jgħid li l-problemi fiż-żwieġ tagħhom kien id-dominanza tagħha fiż-żwieġ u li lilu ma rrispettatux. Jgħid li hu għaliha kien dak li jaħsel l-art, butler, isajjrilha *etc*. sabiex issib kollox lest. Jgħid li lanqas kellu aċċess għall-aspett finanzjarju. Jgħid li kellhom kont bankarju *joint* qabel iż-żwieġ li wkoll dawwritu fuqha u hi riedet taqta' d-dejn tal-post f'ħames snin u hu kien kontra dan iżda kien jagħtiha l-paga kollha tiegħu biex jaqtgħuh u hu jgħaddi b'għoxrin Ewro fil-ġimgħa.

Jgħid li l-paga tiegħu dak iż-żmien kienet ġejja mill-*hardware store* li kellu. Fil-ħanut jgħid li kienu jaħdmu missieru u z-zijiet tiegħu. Jgħid li l-attriċi ma kinitx taħdem fil-ħanut. Il-ħanut jgħid li kien tal-familja tiegħu qabel iż-żwieġ. Jgħid li hu u missieru kienu joħorġu flus minn hemm għad-dar matrimonjali. Jgħid li missieru kien jiġi jgħinu biss fil-ħanut. Jgħid li kieku ma kienx missieru ma setgħux jieħdu l-*loan* tad-dar u jgħid li l-garaxx ħallsu kollu missieru. Jgħid li l-konvenuta qed tagħmel *business* minnu meta ma ħallsu xejn lil missieru tiegħu. Dan il-garaxx jgħid li għamluhulha ħanut tax-xagħar u qed taqla' l-flus minnu. Huwa jgħid li l-ħanut falla għax kienu joħorġu biss u ma jirritornaw xejn u qalbet l-*account* kollu fuqha mingħajr ma kienet tħallih jieħu sehem fid-deċiżjonijiet. Jgħid li hu kien imur id-dar wara nofsinhar u missieru kien jbiddillu għaliex kien ikollu jagħmel ix-xogħol tad-dar hu peress li l-attriċi riedet taħdem ta' hairdresser wara x-xogħol u b'hekk biss setgħet tagħmel il-flus għaliex id-dar ma kienet tagħmel xejn.

[36] Fol. 2894.

Jgħid li ma kontx tista' ma taqbilx ma' l-attriċi u fl-ewwel argument li kellhom kien qala daqqa ta' ħarta fuq wiċċu. Jgħid li mbagħad ma reġgħetx għamlet hekk imma kienet tgaralu l-affarijiet għal wiċċu u jgħid li kellu jarma playpen fil-ħanut għaliex kien ikollu jieħu lit-tifla miegħu. Jgħid li kissritu mentalment għaliex kienet tivvinta stejjer. Jgħid li riedet li jagħmlu pool fuq il-bejt u li ġabet sitt periti biex tikkonvinċih li jista' jsir imma li hu ma kienx jaqbel għaliex il-post ma kienx maħsub għalih u għalhekk wara li tatu s-*silent treatment* kif jgħid li kienet tagħmel wara argument, bdiet tgħid li trid villeġjatura l-Mellieħa u dan meta d-dar matrimonjali kienu għadhom qed jagħmluha u kienet għadha vojta.

Jgħid li fl-aħħar taż-żwieġ riedet ukoll tixtri *penthouse* u hu qalilha li jekk se jixtruha żgur kien ser jitkisser iż-żwieġ għaliex bl-ebda mod ma kienu ser ilaħħqu. Jgħid li hi qatt ma riedet tmur għand *counsellor*. Jgħid li tant dejjem tagħmel affariha li meta riedet tixtri din it-tielet proprjetà kienu ċemplulu mill-Bank isaqsuh hux sejjer biex jiffirma l-kuntratt u fuq mobile ieħor li kellu kienet ċemplitlu l-attriċi tgħidlu biex ma "*twaqqanix għan-nejk*". Jgħid li kollox kienet tagħmel b'dan il-mod. Jgħid li anke fuq it-tifla per eż. tibda tibgħatha l-*iscouts* mingħajr ma jkun jaf hu u mbagħad tgħidlu li jrid jibda jwassalha l-*iscouts*. Jgħid li lanqas l-affarijiet tal-iskola tat-tifla ma kien ikun jaf. Jgħid li lanqas liz-zijiet qatt ma mar għandhom u lanqas jaf x'*loans* għandha magħhom għaliex kienet tgħidlu biex ma jindaħalx u sabiex tħalli f'idha. Jgħid li ma jafx x'inhuma l-ammonti tal-*loans* iżda li jaf li meta kienu ġew ħażin ħafna bil-ħanut kienet ġabet għaxart elef Ewro (€10,000) u qaltlu li dawn kienu mingħand iz-zijiet. Hu jgħid li dawn ħallsuhom lura. Jgħid li kienu qed ifallu għaliex tant ħarġu flus fuq id-dar. Jgħid li liz-zijiet ħallsuhom hu u missieru. Jinsisti li hu dejjem ħadem ħlief ftit żmien bejn li għalaq il-ħanut u fetaħ il-gabbana u dejjem ħa flus id-dar. Jgħid li anke fejn jidħlu karozzi kienet tixtri u tbiegħ hi. Kienet tieħu l-flus mill-*account* tagħha li kien ikun fih l-introjtu tiegħu u hu ma kellux aċċess għal dan l-*account*. Biex jgħix jgħid li kien jiddependi fuqha u kien iżomm ftit *pocket money* għaliex il-bqija kien ikollu jiltob kollox lilha. Jgħid li kellha kontroll assolut.

Jgħid li l-problema tagħha kienet li jekk trid xi ħaġa kienet tagħmel minn kollox biex takkwistaha, akkost ta' kollox u li jekk ma tagħmilx kif trid hi tgħaddik minn torturi kbar emozzjonalment. Jgħid li l-konvenju tal-*penthouse* ma waqax għaliex il-*penthouse* l-attriċi xtratha minn warajh.

Jgħid li fil-konvenju kien sar deposit ta' tmien t'elef Ewro (€8,000) man-Nutar Naomi Mugliette. Jgħid li l-attriċi qaltlu li waqa' l-konvenju u d-deposit nefqitu. Jgħid ukoll li bdiet tikri l-villeġjatura tal-Mellieħa għaliex ma setgħux ilaħqu. Jgħid li tant ma setgħux ilaħqu li bdiet iġġib l-istudenti u riedet tarma tliet ikmamar għalihom. Jgħid li kien iqum fil-ħamsa ta' filgħodu għaliex kellu jdur hu bl-istudenti u bl-affarijiet tad-dar waqt li hi taħdem isfel fil-ħanut. Hi kienet tieħu l-flus kollha tal-istudenti.

In kontro-eżami,[37] il-konvenut jgħid illi meta bdew il-problemi u hu kien mar għand avukat, imma kienu għadhom joqgħodu taħt l-istess saqaf, hu kien induna li kien hemm raġel id-dar. L-attriċi ma riditux jitla' fuq imma hu tela' u sab raġel imsakkar fl-*ispare bedroom*. Jgħid li dan ir-raġel li kien jidher iżgħar minnu kien imwerwer u hu talbu l-ID Card. Il-konvenut kellu t-tifla fuqu dak il-ħin u jgħid li kien mifxul u lanqas ra d-dettalji. Jgħid li telaq għand ommu u dan il-ġuvni li jgħid li kien ta' nazzjonalità Taljana baqa' hemm. Mistoqsi jgħid għalfejn qatt ma semma lil dan it-Taljan f'sitt snin proċeduri huwa jgħid li l-kawża hija fuq is-separazzjoni tal-assi għalhekk inutli joqgħod isemmi dawn l-affarijiet. Jgħid li dak iż-żmien kien għamel rapport l-għassa. Mistoqsi jgħid x'tip ta' problemi kellhom fiż-żwieġ jgħid li martu kienet vjolenti miegħu u darba tatu daqqa ta' ħarta u kienet titfgħalu affarijiet meta ma jaqblux. Jgħid li qatt ma mar għand il-Pulizija u li qatt ma weġġgħatu b'mod gravi.

Mistoqsi dwar l-OASI l-konvenut jagħżel li ma jweġibx wara li ngħata l-*caution* li jista' jinkrimina ruħu. Jgħid li fl-annullament tal-knisja t-tort ħareġ li kien tat-tnejn u minn naħa tiegħu n-nuqqas kien li ma fittixx l-għajnuna meta kellu bżonnha. Mistoqsi jgħid kemm kien iħallas lill-attriċi bħala *loan* jgħid li kellu n-negozju tiegħu u kien jgħaddilha madwar tliet mitt Ewro (€300) fil-ġimgħa u hi kienet tħallas il-*loan* għaliex riedet taqtagħha f'ħames snin. Mistoqsi jgħid kif kien jiddikjara madwar ftit inqas minn ħdax-il elf Ewro (€11,000) f'sena u kien jagħtiha dan l-ammont fil-ġimgħa huwa jgħid li kien iġibhom mill-*overdraft* u li fil-fatt għamel tlieta u għoxrin elf Ewro (€23,000) dejn li mbagħad ħallas missieru. Jgħid imbagħad li mill-*overdraft* kien jixtri l-*istock* u meta kien ibiegħ l-*istock* kien jagħtihom lill-attriċi *cash*. Mistoqsi għalhekk kienx jiddikjarahom bħala dħul, u allura kienx il-każ li ma kienx qed jiddikjara d-

[37] Seduta tat-22 ta' Ġunju 2023 a. fol. 3408.

dħul kollu huwa jagħżel li ma jweġibx. Mistoqsi jgħid iz-ziju tiegħu kienx waqaf minn negozju miegħu minħabba d-droga hu jagħżel li ma jweġibx. Huwa jikkonferma li daħal għaż-żwieġ bin-negozju tal-ħanut, *overdraft* u *stock*. Mistoqsi jgħid hux kien il-każ li hu falla n-negozju ħabba d-droga huwa jagħżel li ma jweġibx. L-*overdraft* li kien baqa' jgħid li ħallasha missieru iżda mistoqsi jgħid allura fejn marru l-għaxart elef Ewro (€10,000) li ġabet l-attriċi minn familjari tagħha, huwa jgħid li hi ma tatu xejn u għamlet transfer fil-kont tiegħu. Jgħid li l-attriċi offriet dawn il-flus li hu ma jafx minn fejn ġew biex jonqos l-*overdraft* u meta naqas drastikament in-negozju baqa' għaddej u hu beda jagħtiha l-flus bil-mod u ħadithom kollha.

Jgħid li wara fetaħ gabbana u dam madwar sena, sena u nofs. Jgħid li mbagħad raw li dan in-negozju ma kienx *worth it*. Mistoqsi jgħid dak iż-żmien kellux problema ta' droga jagħżel li ma jweġibx. Mistoqsi jgħid għalfejn kien waqaf jaħdem mal-kumpanija Melita jgħid li kien *sub-contractor* magħhom u mal-bidla tad-diretturi kienu waqqfuhom. Mistoqsi jgħid waqafx minn dak l-impjieg għaliex kien jitlob il-flus lill-prinċipal tiegħu minħabba d-droga huwa jiċħad.

*Parent's day* tat-tifla jgħid li mar xi darbtejn u li llum it-tifla għandha ħdax-il sena. Jgħid li ma kienx iħoss li jagħmel tajjeb jekk imur għaliex kien hemm ħafna nkwiet bejniethom u kienu jispiċċaw jiġġieldu quddiem in-nies.

Dwar il-*loan* fuq il-post tal-Mellieħa jgħid li hu mhux qed iħallas dik il-*loan* għaliex l-attriċi qed iddaħħal l-istudenti u li ħareġ mix-xhieda li daħħlet 'il fuq minn ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000) minn fuq id-dar li hu lanqas jista' jidħol fiha. Jgħid li dan ix-xogħol ilha tagħmlu 'il fuq minn għaxar snin. Mistoqsi jgħid allura t-Taljan li ra setax kien student huwa jgħid li kieku ma kienx jissakkar. Dan kien fi żmien qabel ma bdew il-proċeduri iżda diġà kienu marru għand avukat. Jgħid li hu joqgħod mal-ġenituri tiegħu u jagħmel xirja kultant.

Fir-ri-eżami jgħid li l-attriċi biegħet affarijiet mid-dar bħal għamara u karozza. Jgħid li qed iddaħħal salt irġiel id-dar u li kienet f'relazzjoni ma' erbgħa oħra u daħlu jgħixu fid-dar matrimonjali.

*Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, il-konvenut iressaq is-segwenti provi:*

a. *Xhieda ta' V B ossija missier il-konvenut*[38] *fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2023*[39] li jgħid li huwa kien ħajjarhom jixtru d-dar ta' Brikirkara u ċioé d-dar matrimonjali. Wara li xtraw, għamillhom id-dawl u l-ilma flimkien maz-zijiet tal-konvenut u l-konvenut. Jgħid li għamlu l-katusi, elettriku u drainage. Jispjega li kien iħallas kollox b'ċekk u jippreżenta kopja tal-ispejjeż kollha li għamel f'forma ta' tmien dokumenti.

Jgħid li kien iddejjen għaxart elef Ewro (€10,000) u għamlilha s-salon hu, u l-mara tatha ħamest elef Ewro (€5,000). Jgħid li tatha wkoll elf Ewro (€1,000) ommu. Jgħid li għamlilhom ukoll xogħol fl-appartament tal-Mellieħa. Jgħid li fis-*salon* għamlilha *shower, shower room* u toqba biex tkun tista' tinfed mad-dar u l-ilma biex jaħslu x-xahar. Jgħid li għamlilha wkoll kamra oħra bil-*gypsum*, *bathroom* u *massage room* u fejn tagħmel id-dwiefer. Jgħid li kien ħareġ il-flus il-konvenut ukoll. Jgħid li l-konvenut qed jgħix miegħu biex ma jaqlax inkwiet. Jgħid li fid-dar matrimonjali għamel ukoll il-*fireplace*, il-bar bil-madum b'kollox u l-*coving* u rranġalhom il-*washroom* a spejjeż tiegħu. Jgħid li kien jgħidilhom li meta jiġu fuq saqajhom imbagħad jagħtuh. Jgħid li min-naħa tal-familja tal-attriċi qatt ma kien hemm għajnuna.

In kontro-eżami jgħid li allura dan kien self għaliex kien kellem lill-partijiet u qalilhom li għandhom jagħtuh dak li ħaqqu meta jiġu fuq saqajhom. Jgħid li ma fetaħx kawża biex jieħu sehemu lura għalkemm kif jaraha, l-attriċi issa qamet fuq saqajha.

In kontro-eżami,[40] huwa jgħid li ibnu jagħmlilhom xirja qisu kull ħmistax, jekk ikollu aptit biċċa laħam per eżempju u ma jkollhomx. Jgħid ukoll li jagħtihom madwar mija u ħamsin

---

[38] Fol. 3384.
[39] Fol. 3384.
[40] Seduta tat-22 ta' Ġunju 2023 a. fol 3422.

Ewro (€150) kull tliet ġimgħat. Huwa jgħid li d-dokumentazzjoni li ġiet preżentata fil-forma ta' kumpilazzjoni ta' spejjeż għamilha meta talbithomlu l-avukat madwar sentejn u nofs, tlieta ilu meta bdiet il-kawża. Mistoqsi jgħid kif ġab l-informazzjoni per eżempju mill-2005 huwa jgħid li għandu memorja tajba. Huwa jikkonferma li kwanlunkwe firma li tidher fin-notamenti tax-xogħolijiet li saru għamilha hu. Huwa m'għandux riċevuti ta' dawn iżda għandu l-marka taċ-ċekk. Iċ-ċekk book li kien qed jintuża kien l-istess wieħed tan-negozju tat-tifel u fuqu kien hemm *overdraft*. Il-missier kien jużah għalih personali wkoll u baqa' jagħmel hekk wara ż-żwieġ. Jgħid li huwa qatt ma proċeda kontra l-partijiet għal dak minnu misluf biex jitħallsu l-ispejjeż.

Jgħid li hu qatt ma ra lill-attriċi jew lill-konvenut jieħdu droga u t-tifel qatt ma semmielu l-problema tad-droga. Jgħid li ġieli ħa lit-tifla tal-partijiet l-OASI biex il-konvenut jaraha u li kien hemm biex iżomm kalm filfatt jgħid li kien mar darba miegħu għand il-professur u dan tah il-kalmanti. Jgħid li l-konvenut qallu li mar l-OASI biex jikkalma. Jgħid li fil-*meetings* li kien ikollhom l-OASI għall-familjari qatt ma ssemmiet droga iżda li ġieli kellu suspetti fihom it-tnejn li qed jieħdu d-droga. Jgħid li qabel iż-żwieġ ibnu kien imur il-Caritas imbagħad bdiet tmur miegħu anke l-attriċi. Jgħid li meta kienu jattendu l-laqgħat tal-familja kienu jgħidulhom li t-tnejn għandhom il-problemi iżda l-problema tad-droga ma kinitx tissemma. Għalkemm ħadd ma qalilhom huma kellhom suspett li kellhom problema ta' droga imma qatt ma staqsew u jikkonferma li qatt ma staqsa lit-tifel. Jgħid li l-ewwel programm qabel ma ltaqa' ma l-attriċi kien għad-droga. Huwa jinsisiti iżda li meta beda jmur il-Caritas ma' martu, hu qatt ma staqsieh għalfejn qed imorru.

*<u>Il-Prinċipji legali u l-applikazzjoni tagħhom għall-każ odjern:</u>*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentement jiġu applikati għall-każ odjern.

Il-liġi tagħna f'Artikolu 2 tal-Kap 16 tgħid kif ġej dwar l-obbligi tal-miżżewġin lejn xulxin:

*"(1) Il-liġi tippromwovi l-għaqda u l-istabbilità tal-familja.*

*(2) Il-miżżewġin għandhom jeddijiet indaqs u jerfgħu responsabbiltajiet indaqs matul iż-żwieġ tagħhom. Għandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.*"

F'każ li xi parti tkun trid titlob is-separazzjoni mit-tali żwieġ il-liġi nostrana tgħid f'Artikoli 38 u 40 illi:

*"Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra." u*

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

Il-Qorti tosserva illi meta tiġi biex tkun ikkunsidrata l-ħtija l-Qrati tagħna dejjem irritenew li wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni mhux inċident iżolat iżda serje ta' inċidenti li joffendu lill-parti l-oħra b'mod li dik il-persuna jaffetwawha negattivament u b'mod profond. Kif tgħid il-Qorti fil-kawża **Jethro Bugejo *pro et noe* vs Josette H Micallef**[41]

*"Kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni* ***l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri*** *('Caterina Agius vs Benedict Agius" Prim'Awla tal-Qorti Civili, 13 ta' Gunju 1967) liema episodji 'joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha furur, ezaverbazzjoni u avverzjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom (Vol. XXXI.P.1.200; Vol XXVI P1 p.246)."*

[41] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fid-9 ta' Ġunju 2020 (Rik. Ġur. Nru 217/2014AL).

Għaldaqstant jekk wieħed jikkunsidra l-ħtija ta' xi parti jew oħra din għandha tirriżulta minn atti konsistenti u li jirrepetu ruħhom b'mod illi dawn jirriżultaw f'abitudni illi ma tħallix dik is-serenita` neċessarja biex iż-żwieġ jista' jirnexxi. Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Mejju 1942, fl-ismijiet **Maria Micallef vs Giuseppe Micallef**, il-Qorti tal-Appell fil-fatt insenjat illi: *"Biex is-sevizzi, minacci, u ingurji gravi jaghtu lok ghas-separazzjoni personali, hemm bzonn generalment li huma jkunu abitwali, jew almenu ripetuti, b'mod li jirrendu mpossibbli l-konvivenza tal-konjugi".*

Jiġi rilevat iżda, li biex ikun hemm ħtija ma hemmx għalfejn jikkonkorru s-sevizzi, l-inġurji gravi, t-theddid u l-minaċċi kollha flimkien iżda huwa biżżejjed li jiġi ppruvat wieħed minnhom. Fil-kawża fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson**[42] il-Qorti sostniet illi:

"*Issa kif inhu pacifiku "purche' il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e' necessrio che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingurie gravi ma qualunque di tale cause da sola basta, perche' sia tale da violare profondametne I riguardi della convivenza coniugale."*

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[43] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[44] fejn ġie ritenut illi, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala* ***sevizzi****"* u fir-rigward ta' **inġurji** u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil **eċċessi**, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*.

---

[42] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fit-12 ta' Mejju 1925.
[43] Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, (Vol. XLV C.ii.708).
[44] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru. 1677/1995/RCP).

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' **theddid u vjolenza**, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima".*[45] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone *pro et noe* vs Jesmond Tabone**,[46] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[47]; Skond l-istess Qorti "*Is-swat, … hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[48]

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, Artikolu 38 tal-Kap 16 jistipula illi: *"Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra"*.[49] Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*"[50].

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[51]** fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

*<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern</u>*

[45] Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili fil-21 ta' Frar 1969.
[46] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[47] Genoveffa Magri vs G Magri, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[48] Charmaine Zahra *pro et noe* vs Alfred Zahra, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[49] Artikolu 38 tal-Kap 16.
[50] Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċit. Nru. 98/2002/1RCP).
[51] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċit. Nru. 1715/2001/1RCP).

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, waslet għall- konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi, li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment. Konsegwentement, il-Qorti tqis li hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Il-partijiet iżżewwġu fl-2007 wara li għexu flimkien kemm f'appartament ma' oħt il-konvenut kif ukoll mbagħad mal-ġenituri tal-konvenut. Jirriżulta illi qabel ma bdew joħorġu flimkien il-konvenut kellu problema ta' droga u fil-fatt kif jixhed rappreżentant tal-Caritas[52] "*He had attended sessions at Outreach Community Centre over the years and in May 2003 he went into San Blas Therapeutic Community on a Residential basis, where he stayed for 14 months and he successfully completed the programme in the After Care phase in May 2005*." Għaldaqstant meta bdew ir-relazzjoni l-kontendenti, l-problema ta' droga kienet għadha friska iżda kif tgħid l-attriċi tidher li hi warrbet din il-problema fil-ġenb bħala xi ħaġa tal-passat u f'dak il-mument ma qisitx li l-addizzjoni għad-droga tista' terġa' toħroġ jew li jista' jkun hemm riperkussjonijiet minħabba dak li kien ġara. Fil-fatt jingħad fis-sentenza tal-annullament tat-Tribunal Ekklżjastiku miġjuba fl-atti mill-attriċi[53] illi:

"(59) *She became attracted to the Respondent because he did not drink alcohol, owned a hardware store like her father, gave her the attention she desired, surprised her with gifts and listened attentively to her. The interest in Mr B thrived because she saw differences when she compared him to her previous boyfriend, or else had similarities with her father, whom she held in high esteem. Mesmerised by these positive sides, Ms B C did not give sufficient attention to less desirable qualities in her fiancee, such as the repercussions of drug addiction or his desire for low level of stress in life – which she later interpreted as laziness."*

Il-psikologa fl-istess każ fil-fatt tgħid:

---

[52] Seduta tal-11 ta' Frar 2020 a. fol. 2796.

[53] Sentenza definittiva tal-Prim'Istanza mogħtija mit-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċeżi ta' Malta fit-30 ta' April 2019 li kopja tagħha ġiet preżentata fl-atti fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2019 a. fol. 2202.

"(60)...*However she noted that the courtship was heavily influenced by her previous relationship and she was "not at all cognisant of the implications of dating a person who has just completed a drug rehabilitation programme for heroine addiction"".*

Minħabba li l-konvenut kien għadu jispiċċa l-programm ta' riabilitazzjoni jidher li l-affarijiet kienu kalmi u l-konvenut kellu l-enerġija għar-relazzjoni u għall-*committment* li dan iġib miegħu. Min-naħa l-oħra, mill-bidu tar-relazzjoni joħroġ il-karattru tal-attriċi li kienet minn dejjem bieżla u *striving to do better financially* billi tinvesti fi proprjetà u tuża flusha b'dak il-mod. Fil-fatt jirriżulta li bil-flus li kellha minn sehma tal-post mir-relazzjoni preċedenti, hija riedet tixtri post għaliha biex kif tgħid hi tieħu l-indipendenza tagħha. Jidher għalhekk li ta' età żgħira l-attriċi kienet diġà rnexxielha tixtri post minn l-ewwel relazzjoni li kellha u mill-bejgħ minn sehemha ta' dak il-post kienet issa ser tixtri post għaliha. Tgħid imbagħad li l-partijiet xtraw *maisonette* s-Swatar flimkien qrib in-negozju li kien imexxi l-konvenut bl-għajnuna ta' missieru u zijuh.

L-attriċi mbagħad għaddiet biex f'dawk li jidhru li kienu deċiżjonijiet min-naħa tagħha, saru diversi djun ma' membri tal-familja tagħha sabiex jitaffew l-imgħaxijiet tal-bank u jinvestu f'iktar proprjetà. L-attriċi tgħid wkoll illi hija xtaqet tagħmel hekk biex ma jkollhomx flus disponibbli li l-konvenut seta' juża' fid-droga. Il-Qorti madanakollu tinnota illi s-sens ta' negozju min-naħa tagħha u x-xewqa li tkabbar flushom u tinvesti kien jinħass mill-bidu, għalkemm seta' ġie amplifikat meta hija ħasset illi l-konvenut mhux qed jirsisti bħalha anzi qed jarmi flushom u ma jirsistix fix-xogħol. Il-konvenut ma jidhirx li kien fuq l-istess paġna u dan ħareġ iktar biċ-ċar meta reġa' beda jabbuża mid-droga.

Għalkemm il-konvenut waqt iż-żwieġ kien jiċħad lill-attriċi li kellu problema ta' droga u fil-proċeduri jgħid li din ma kinitx il-problema li kissret iż-żwieġ u missieru jixhed li ma jafx għaliex kien jattendi sessjonijiet il-Caritas, madanakollu mix-xhieda kollha preżentati il-Qorti tħoss li jirriżulta mod ieħor. Il-Qorti tqis bħala verosimili x-xhieda tal-attriċi flimkien mar-rappreżentanti tal-Caritas u l-Oasi u ta' xhieda oħra dwar dan. Jidher li għal l-ewwel il-konvenut kien beda jerġa' juża d-droga biex jissoċjalizza iżda mbagħad mill-mod kif beda jikkomporta ruħu jidher li reġa' beda jaqa' fil-vizzju iżda lill-attriċi kien jgħidilha li m'għandux

problema għaliex il-problema tiġi jekk wieħed jibda jmiss l-eroina. Hija tgħid li bdiet tattendi l-Cartias, ftit xhur wara li kellha lit-tifla u *ċioé* fl-2012, għal għajnuna dwar l-inkwiet li kien qed jinħoloq fiż-żwieġ. Tgħid ukoll illi kienet tordna t-testijiet mill-Ebay biex tittestjalu l-urina u saħansitra bagħtet lill-kumpanija tat-testijiet (u ta dan tippreżenta kopja tal-email)[54] sabiex tara kienx hemm xi żball minħabba li l-konvenut ma kienx qed jammetti magħha. Dan kien jallaċja ħafna mal-karattru tal-attriċi li kienet pro-attiva ħafna f'ħajjitha tant li qagħdet saħansitra tikteb lill-kumpanija. F'dan iż-żmien ukoll meta t-tifla kienet għada żgħira, hija bdiet tiġġestixxi negozju tax-xahar u tas-sbuħija wara li qabel twieldet it-tifla kienet għamlet kors tal-*Beauty and Body*. Meta kellhom in-negozju tal-gabbana kif tixhed Vanessa Schembri, kollega tagħha ġewwa Transport Malta, "*kienet tagħmel il-marketing tal-gabbana u ġġib il-permessi biex jarmaw anke fil-festi. Kienet tistagibni kif qatt ma kienet tieqaf."*

Min-naħa l-oħra f'dan iż-żmien diversi xhieda jixhdu l-kontra dwar l-attitudni tal-konvenut. Għall-kuntrarju ta' l-attriċi, għal xi raġuni li setgħet anke kienet il-vizzju stess tad-droga, l-konvenut ma kellux dik il-ħeġġa għax-xogħol u jidher illi beda jaqa' lura fix-xogħol u fil-fatt tixhed Sylvana Debono, kollega tax-xogħol tal-attriċi illi hi kienet toqgħod qrib il-ħanut tal-konvenut u "*Unfortunately, the openings hours of the shop lacked much to be desired. It was not the first time that he opened at 9.30am or even 10.00am. This resulted that many of the customers had to purchase what they needed from another shop resulting in loss of clients*." Jixhdu wkoll kollegi tax-xogħol tal-attriċi permezz tal-affidavit tagħhom speċifikament DB,[55] VS[56] u TD[57], illi kienu jaħdmu magħha, illi kienet iċċempillu kull filgħodu f'dan iż-żmien li kellu l-ħanut sabiex tqajjmu mis-sodda sabiex ma jiftaħx tard. Wieħed jinnota li l-kollegi li jixhdu kellhom gradi differenti fi ħdan it-Transport Malta, ftit kienu kollegi tagħha u oħrajn anke superjuri tagħha.

Il-konvenut jixhed[58] illi dan kien tort tal-attriċi għaliex hi kienet taħdem imma ma kienet tagħmel xejn id-dar u hu kien ikollu jagħmel kollox id-dar. Madanakollu joħroġ mix-xhieda li hi kienet taħdem ħafna bit-

[54] Fol. 596.
[55] Fol. 2225.
[56] Fol. 2226.
[57] Fol. 2221.
[58] Fol. 2900.

*teleworking* proprju biex tkun id-dar wara li twieldet it-tifla. Għalkemm il-konvenut jallega ħafna affarijiet fuq l-attriċi ma jikkorroborax dan bl-ebda provi. Fil-fatt jidher iktar u iktar illi l-verżjoni tal-attriċi hija verosimili mill-fatt illi xhieda jgħidu illi ħafna drabi l-konvenut kien ikun fuq wara tal-ħanut u ma tantx kien juri ħeġġa għan-negozju. Tgħid filfatt SD li "*It was not the first time that I needed something and I used to literally shout so that he could hear me. He was either talking to someone, playing the electric guitar or watching videos.*"[59] *k*if ukoll Vanessa Schembri "*ġieli konna nkunu barra fuq xogħol u konna ngħaddu l-ħanut u kien ikun bil-bieb imsakkar u hu kien ikun wara tal-ħanut idoqq il-kitarra.*"[60]

Min-naħa tagħha l-attriċi kienet qed tirsisti ħafna biex taqta' d-dejn u allura wieħed jista' jimmaġima kemm dawn l-affarijiet setgħu kienu jiffrustrawha. Għal xi raġuni li l-partijiet ma jaqblux dwarha dan in-negozju falla. L-attriċi tgħid li l-konvenut ma kienx kapaċi jżomm in-negozju anke minħabba l-vizzju tad-droga u l-konvenut jgħid li daħlu f'ħafna dejn għaliex kien jgħaddilha ħafna flejjes biex tħallas il-*loans* pendenti.

Minn hemm imbagħad fetħu negozju ieħor, dak ta' gabbana tal-ikel li sfortunatament damet miftuħa biss sena, sena u nofs għaliex fallew ukoll. L-attriċi tgħid li f'dan iż-żmien hija kienet tmur għal għajnuna l-Appoġġ u l-Cartitas għaliex il-konvenut kien jgħidilha li għandhom il-problemi fiż-żwieġ. Sadanittant hija tgħid li bdiet issib flus u oġġetti neqsin mid-dar matrimonjali. Tixhed ukoll Elaine Borg Cardona "*Meta bdiet tara dan kollu A bdiet tissuspetta li D rega beda jiehu d-drogi ghax apparti dan kollu D kien dejjem ikun ghajjien, gieli nhar ta' Hadd konna imorru picnics bil-familji taghna u hu kien jorqod tul il-hin kollu tal-picnic u xorta jibqa' ghajjien.*"[61] Jixhdu diversi xhieda wkoll illi rawh jirqaq.

L-istess xhud tgħid *"Niftakar li kien ghamel perjodu bla xoghol u li kien xtaq li minflok joħrog jahdem ried jibqa' d-dar jiehu hsieb lit-tifla, avvolja it-tifla dak iz-zmien kienet diga bdiet l-iskola. Kien zmien difficli hafna ghal A ghaliex zewga qatt ma kien ta sapport finanzjajri matul iz-zmien. Meta eventwalment D sab impjieg, dan dam biss ftit gimghat. Donnu kull*

[59] Fol. 2209.
[60] Fol. 2227.
[61] Fol. 2217

*xoghol li kien isib ma kienx idum iktar minn circa sitt gimghat, jien kont nahseb li din kienet l-iskuza tieghu biex jkun jista' jqatta perjodi id-dar minnflok jahdem*."[62]

L-attriċi mbagħad kellmet lil ħuha biex idaħħlu jaħdem f'wieħed mir-restoranti tiegħu u dan bi pjaċir daħħlu u l-konvenut kien jaħdem fil-kċina taħt is-superjur tiegħu li kien *head chef*. Kif jixhed is-Sur C[63] il-konvenut għamel żmien daqqa ma kienx imur għax-xogħol u daqqa kien imur tard. Għalkemm hu qatt ma rah jabbuża mid-droga jgħid li sar jaf li kellu din il-problema mill-istaff u mingħand oħtu iżda darba ma kienx daħal għax-xogħol u l-*head chef* kien qallu li ma jistgħux jibqgħu sejrin hekk u għalhekk waqqfu mix-xogħol. Dakinhar l-attriċi damet tfittxu imbagħad tgħid li sabitu fi stat ħażin ħafna. Tixhed ukoll Vanessa Schembri li *"Meta kien mar jahdem ma huha, darba giet ix-xoghol tibki, kienet qaltli li fil-weekend ghaddiet minn burraxka kbira peress li cemplilha huha jsaqsi fejn kien D ghax ma kienx mar ghax-xoghol, u wara sabuh go garaxx mitluq mal-art x'aktarx taht effet tad-droga."*[64] Il-fatt li ħu l-attriċi stess kellu jkeċċih wara li daħħlu b'rispett ta' oħtu juri li ċertament kien hemm problemi fil-komportament tal-konvenut għaliex kieku kien iżommu jekk xejn bi pjaċir lil oħtu.

Jiġi nnutat illi l-konvenut fiż-żwieġ dejjem baqa' jiċħad illi għandu problema ta' droga, kif ukoll baqa' jiċħad illi l-fallimenti fix-xogħolijiet kienu b'xi mod tort tiegħu u kif baqa' jiċħad li jabbuża mid-droga f'diversi rikors u risposti tul il-proċeduri. Din l-attitudni iktar mill-problema tad-droga nniffisha kienet qed tkisser il-familja għaliex mingħajr ma jammetti dawn il-problemi baqa' iktar jingħasar fihom u jitfa' r-responsabbilità kollha fuq martu li diġà kellha karattru li dejjem moħħha jaħseb kif ser timxi l-quddiem u tipprovdi, imbagħad meta kienet tara l-żewġha jaġixxi b'dan il-mod hija iżjed bdiet tirsisti b'kull mod possibli biex tieħu kontroll hi tas-sitwazzjoni. Anke f'dawn il-proċeduri, meta mistoqsi dwar il-vizzju, huwa jgħid li iżda anke martu kienet tabbuża mid-droga, li apparti kien fatt li ma ġiex pruvat iżda wkoll jerġa' jipprova jitfa' t-tort fuq martu l-attriċi u jneħħi t-tort minn fuqu. Fil-fatt il-konvenut jiċħad ukoll illi meta mar jaħdem ma' *sub contractor* tal-Melita dan keċċih minħabba l-problemi li

[62] Fol. 2217.
[63] Seduta tal-4 ta' April 2019 a. fol. 606.
[64] Fol. 2227.

kellu. Jixhed O P[65] illi kien "*jaghmilli hafna zbalji fix-xoghol imqabbad lilu minni, kif ukoll kellu output ta' xoghol finalizzat f'gurnata baxx imma l-aktar issue problematika kienet li dan kien jiehu l-flus tal-klijenti mhallsa lilu ta xoghol li jkun ghamlilhom minghajr ma dan iroddhom lili sabiex jien fil-kompetenza tieghi bhala sub contractor inhallashom lil Melita Cable...*

*din il-problema tal-flus spiccat tant gravi li lanqas kont inkopri il-hlas tieghi lilu fix-xahar...*

*niddikjara wkoll illi dan D B kien qieghed ripetutament jargumenta bla bzonn u jagixxi b'mod agressiv mal-klijenti u l-kuntratturi...*

*gejt konxju li din il-persuna hija dipendenti fuq droga, u dan nikkonfermah ukoll ghax xbajt intih flus upfront qabel sehmu kif normali jigri f'impjieg."*

Dan ukoll l-konvenut jiċħdu u jgħid li waqqfuh għaliex inbidlu d-diretturi tal-Kumpanija. Tant il-konvenut jitfa' kull tort fuq ħaddieħor u jipprova jiskredita lill-attriċi u x-xhieda tagħha f'kull mod illi anke meta xehed ir-rappreżentant tal-Caritas, il-konvenut jipprova jiskreditah għaliex ma kellux kuntatt dirett personali miegħu hu meta hu xehed taħt ġurament li ġabar l-informazzjoni minn *records* li jkunu fis-sistema elettronika tagħhom għaliex kull sessjoni tidħol fis-sistema.

Ir-rappreżenant tal-Caritas fil-fatt jixhed illi fl-2012 kien attenda sessjoni fl-*Outreach Community Centre* u mbagħad reġa' beda sessions f'Jannar 2015 għaliex kien qed jerġa' juża l-kokaina u kompla s-sessjonijiet fl-2016. Jingħad li "*in July 2016 had noted that he has not been using Heroine for 4 months and before that he has been clean for 12 years in total."* Għalhekk hawn kien reġa' beda juża l-eroina għalkemm qabel dan il-perjodu kien *clean* mill-eroina għall-tnax il-sena. Dan ma jfissirx li l-konvenut kien *clean* minn drogi oħra però, għaliex fil-fatt f'Jannar 2015 kien reġa' beda jmur l-Caritas għaliex kien qed juża l-kokaina. Bdew fil-fatt jiġru ħafna inċidenti fejn l-attriċi tgħid li bdiet issib affarijiet relatati mad-droga, qabditu f'nofs ta' lejl fil-gallerija, ltaqa' ma sieħbu f'nofs waqfa li *cruise liner* li kienu fih għamel Malta u ltaqa' ma sieħbu li kien jabbuża wkoll u ħabtu bil-karozza, sabet għatu ta' siringa u hu qalilha li

[65] Affidavit a. fol. 603.

kienet biex jittestja l-ilma tal-akwarjum, sabet *citric acid* fil-basket tax-xogħol, pilloli tas-*suboxone* etc. Darba tgħid li anke mar l-isptar minħabba boċċa li kienet telgħetlu fejn kien jittaqqab.

Din l-attitudni tal-konvenut fejn dejjem iwaħħal f'ħaddieħor għall-affarijiet li kienu qed jiġrulu toħroġ ukoll fis-sentenza tal-annullament illi:

*"(68) It was noted within the Acts that Mr B did not take suffecient responsibility for the events occuring in his life, namely the drug addiction, the failure of the hardware store, the failure of the kiosk, and the breakdown of his marriage. Blame was put on the circumstances, past events or the Petitioner. He blamed the recession for the failure of the hardware store, even though a witness said that it was well situated near a discount store. He did not assume any responsibility for the failure of the kiosk, situated in the Industrial Estate at San Gwann failed, when it was apparent to Mr Q C that hte venture would have failed due to a lack of ability to manage the business on his part....*

*The Respondent should, however, work at taking more responsibility of his own life and his own decisions and refrain from blaming others for his misfortunes in life."*

Il-Qorti tinnota illi minnflok ma l-konvenut ammetta mal-attriċi li għandu problema u ma hux qed ilaħħaq mentalment max-xogħol u mal-ħajja huwa baqa' jinnega kif għamel tul il-kawża. Huwa inutli fil-proċeduri odjerni li l-konvenut jgħid li l-attriċi kienet taf minn qabel li kellu problema tad-droga. Il-fatt illi fiż-żwieġ jidher li reġa' waqa' fl-istess vizzju u dan affetwah b'tali mod (kif mistenni) illi beda jaffetwah f'xogħlu u fl-attitudni tiegħu, mela dak huwa l-punt li hu relevanti għall-mertu odjern. Fuq kollox qabel iż-żwieġ jirriżulta mill-provi li l-konvenut kien għamel il-programm u għalhekk wieħed jista' jassumi li issa kien *clean* u ser jipprova ma jerġax jaqa' fil-vizzju. Il-problema tal-konvenut kienet illi beda jaqa' iktar l-isfel u ma jammettix sabiex forsi kieku kienu jieħdu l-għajnuna meħtieġa u jitranġaw l-affarijiet. Bil-karattru li jidher li kellha l-attriċi fejn ix-xhieda jixhdu li kienet tgħin lil kulħadd u bil-mod kif kienet attiva fil-ħajja tagħha ta' kuljum li kieku l-konvenut ried kien żgur ikun l-ewwel wieħed li tgħin. U fil-fatt jidher li ngħata diversi ċansijiet biex jirriforma ruħu u l-attriċi pruvat anke ssiblu xogħol etc. Imma kull darba jidher li *he let her down.*

Tenut kont dak kollu hawn fuq premess, mhux ta' b'xejn il-konvenut ma kienx edott minn fejn l-attriċi bdiet iġġib flejjes biex jitħallsu d-djun, u mhux ta' b'xejn lanqas li, dejjem fi kliem il-konvenut, u anke minn kif xehdet l-attriċi, kienet effettivament l-attriċi li kienet tmexxi l-familja, u l-Qorti lanqas ma tkun sorpriża li effettivament, minħabba l-problemi ta' droga tal-konvenut, l-attriċi tkun estromettiet lill-konvenut milli jkollu ċertu flejjes f'idejh.

Minkejja li l-konvenut jgħid li l-attriċi kienet ukoll tabbuża mid-droga dan ma joħroġ bl-ebda mod mill-provi jew mis-stil ta' ħajja li kienet tgħix l-attriċi. Il-konvenut seta' kieku ried iġib provi tal-Caritas fejn hi stess kienet tattendi sabiex jippreżentaw *records* tagħha, madanakollu huwa ma provda l-ebda prova li hija b'xi mod kienet tabbuża mid-droga jew tal-effetti li d-droga kien ikollha fuqha jekk din qatt abbużat u għalhekk il-Qorti ma tistax taċċetta din l-allegazzjoni bħala veritjera. Fil-fatt kien anke missier il-konvenut, l-unika xhud tal-konvenut, jgħid li ma jafx jekk ibnu kellux il-problema tad-droga fiż-żwieġ u li qatt ma staqsieh għalkemm kien jaf li ibnu jmur għall-għajnuna u jgħid ukoll li kellu s-suspetti fuq it-tnejn iżda li qatt ma ssemmiet droga miegħu. Huwa jibqa' jinsisti li qatt ma staqsa dwar dan.

Fil-kuntest odjern, il-Qorti tqis illi tali allegazzjonijiet, la mhux ippruvati, fihom nfushom jikkostitwixxu inġurja fil-konfront ta' l-attriċi li din il-Qorti ma tistax tikkunsidra b'mod leġġer.

Il-konvenut jiskredita x-xhieda kollha għaliex dawn huma ħbieb tal-attriċi, madanakollu l-Qorti tinnota illi x-xhieda preżentati kienu varji u għalhekk kien hemm ħbieb tal-attriċi jew tal-konjuġi, familjari tagħha, iżda wkoll klijenti, studenti, kollegi anke li jiġu superjuri tal-attriċi *etc*. Għaldaqstant il-Qorti ssib konfort fil-fatt illi huwa diffiċli li dawn ix-xhieda kollha differenti mhux qed jgħidu l-verità dwar dak li esperjenzaw huma. Wieħed irid ukoll jiftakar illi verament Q C huwa ħu l-attriċi u O P seta' kien ħabib tal-attriċi, madanakollu dan anzi jkompli jsostni l-fatt illi jekk daqsekk riedu jagħmlu pjaċir lill-attriċi kellhom iżommu lill-konvenut jaħdem magħhom mhux ikeċċuh u għalhekk bilfors li l-konvenut kien b'xi mod qiegħed jonqos fuq il-post tax-xogħol.

Il-Qorti tinnota wkoll li ma sar kontro-eżami ta' ebda xhud. Il-konvenut jissottometti fin-nota ta' sottomissjonijiet li ma setax jagħmel kontro-eżamijiet għaliex ma ġiex provdut bl-indirizzi fl-affidavits. Jingħad iżda li ma saret l-ebda talba formali lill-Qorti sabiex din tordna lill-attriċi tipprovdi indirizzi u b'hekk il-konvenut ikun jista' jinġunġihom apparti li fl-affidavit per eżempju ta' O P ġie provdut indirizz.

Dwar l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attriċi kellha relazzjoni adultera, il-Qorti ma tħossx li din ġiet pruvata sal-grad rikjest mill-liġi, b'korraborazzjoni ta' provi illi l-attriċi kellha relazzjoni adultera li setgħet ikkontribwit għat-tkissir taż-żwieġ. Ma tinġieb l-ebda prova oħra ħlief il-fatt li l-konvenut jgħid li sab raġel imwerwer fl-*ispare bedroom* tad-dar matrimonjali. L-adulterju jrid jiġi ppruvat permezz ta' provi ta' aġir esternat *da parti* tal-persuna ħatja ta' l-adulterju li permezz tagħhom il-Qorti jkollha dak il-konvinċiment morali li tassew dik l-infedelta`, emozzjonali, fiżika, jew it-tnejn, tkun tassew seħħet.

Anke f'dan il-każ, mhux pruvat b'ebda mod sal-grad rikjest mil-Liġi, il-Qorti tqis tali xhieda bħala inġurjuża lejn l-attriċi.

Il-konvenut jgħid li l-attriċi dejjem riedet kollox *her way* u li meta ma kienux jaqblu kienet tkun vjolenti miegħu u kien hemm darba fejn tatu daqqa ta' ħarta u mbagħad wara li wissiha biex dan l-aġir ma jirrepetix ruħu kienet bdiet twaddablu l-affarijiet.[66] Madanakollu ma jiġu preżentati l-ebda provi biex jikkorroboraw din il-verżjoni u lanqas ma jirriżulta li saru rapporti mal-pulizija f'dan is-sens; fil-fatt mistoqsi mill-Qorti kienx imur għand il-pulizija l-konvenut iwieġeb *"Le, ma kontx immur, jien għalija kienu affarijiet... ma kontx mmur, le."*[67] Jallega wkoll li minħabba li martu riedet li jħallsu l-*loans* malajr u jinvestu f'iktar proprjetà dan kien qed joħloq ħafna pressjoni u li d-dar kienet tispiċċa ma tagħmel xejn u minn naħa tiegħu kien ikollu jmur id-dar u joqgħod mat-tifla u jagħmel ix-xogħol tad-dar għaliex hi kienet tmur ix-xogħol imbagħad is-*salon*. Jgħid li f'dawn il-ħinijiet missieru kien ibidlu fuq ix-xogħol. Hawn ukoll il-provi juru mod ieħor għaliex ix-xhieda xehdu li hi bdiet taħdem ħafna bit-*teleworking* u x-xhieda kollha xehdu dwar il-*bond* li l-omm għandha mat-tifla u kemm tieħu ħsiebha u teħodha postijiet ta' tagħlim bħas-

[66] Xhieda tal-konvenut u kontro eżami a. fol. 3410.

[67] Fol. 3410.

sezzjonijiet ta' qari San Anton u "*I've witnessed almost every moment like E coming from school, her mums delicate talks asking her how she did at school and if she had a good day."*[68] Tixhed ukoll GF "*She does not know the word 'harm', 'befriend', 'hirt', 'revenge' mean! A always sees the best in others and will go out of her way to be there for her close ones."*[69] Il-karattru tagħha jidher ukoll li ma kienx wieħed vjolenti anke f'mumenti ta' tensjoni. Jgħid SE, li l-attriċi kienet waħda mis-subordinati tat-team tiegħu illi "*A kien ikollha mumenti fejn l-affarijiet ma kienux ikunu daqsekk tajjeb pero dejjem kienet tohloq ambjent ta' trankwilita."*[70] u "*Niftakar li bil-pacenzja kollha kull filghodu nismaghha ccempel lir-ragel biex iqum jiftah l-hanut.*" Il-Qorti tħoss li dawn huma statements qawwijin ħafna u ta min jixtarrhom. Kienet x'kienet il-problema fiż-żwieġ, l-attriċi kienet għaddejja minn burraxka iżda l-fatt li kienet proprju *tohloq ambjent ta' trankwilita* minflok ma kienet tidher frustrata u rrabjata (anke jekk dawn huma emozzjonijiet normali meta wieħed għaddej minn problemi familjari) jgħid ħafna dwar il-karattru tagħha u kif kienet taffaċja l-problemi ta' ħajjitha. Jixhed ukoll rappreżentant tal-kumpanija EF ma' min kienet taħdem l-attriċi fil-*business* tal-*host families* illi mill-2017 'l hawn, iġifieri meta l-konvenut ma baqax jirrisjedi fid-dar matrimonjali, li kienu jagħmlu *random checks* u d-dar kienet dejjem "*spotless and welcoming*"[71] iġifieri minkejja li issa kienet għada taħdem daqstant u weħedha mat-tifla xorta qed jirnexxielha żżomm id-dar nadifa u għalhekk faċendi qed tagħmel xorta għal kuntrarju ta' dak li jgħid l-attur li ma kienet tagħmel assolutament xejn fid-dar.

Minn eżami akkurat tal-provi l-Qorti għalhekk tikkonkludi li l-attriċi rnexxiela tipprova illi l-komportament u aġir ħażin tal-konvenut jammonta għal seviżżi u inġurji gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap 16 u li huwa proprju l-konvenut li huwa unikament responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ. Għaldaqstant il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi fl-intier tagħha.

### 3. L-applikazzjoni *o meno* tal-Artikolu 48 *et seq.* tal-Kap 16:

[68] Affidavit ta' Marquita Bonnici a. fol. 2215.
[69] Fol. 2214.
[70] Fol. 2222.
[71] Affidavit ta' Yan Zammit a. fol. 2229.

L-attriċi titlob li jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha ta' L-Artikoli 48 *et seq.* tal-Kap 16 stante li skont hi *ż-żwieġ* tkisser esklussivament minħabba tortijiet attribwibbli lill-konvenut.

Il-Qorti tfakkar li l-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skont il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ *ai termini* tal-Artikolu 48 tal-Kap 16. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, *ai termini* tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Artikolu 48 tal-Kap 16 jgħid kif ġej:

*(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*
*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

Fil-każ odjern, il-Qorti sabet lill-attur ħati tat-tkissir taż-żwieġ minħabba sevizzi u inġurji gravi minn naħa tiegħu u hija konvinta mill-provi li għandha quddiemha li l-azzjoni tal-attriċi hija ġustifikata u tħoss li għandha tapplika fil-konfront tiegħu l-effetti *in toto* tal-Artikoli 48 *et seq.* tal-Kap 16, fosthom li tiddikjara li bl-imġieba tiegħu, il-konvenut iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment mingħand l-attriċi u wkoll li huwa tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tal-attriċi.

Għal kull *buon fini* l-Qorti tirrileva li tali sanzjonijiet, imsemmija f'Artikolu 48 ċitat hawn fuq huma kkonsidrati fid-diviżjoni tal-porzjonijiet bejn il-partijiet. Għal finijiet tal-Artikolu 48(c) u *ċioé* kwantu għad-data li minnha l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda, il-Qorti tirrileva li tali data għandha tikkumbaċi għall-aħħar tas-sena 2015 meta l-attriċi tixhed li għalkemm kienet reġgħet irritornat fiż-żwieġ il-konvenut kien baqa' sejjer lura u fil-fatt ftit wara li hija bdiet il-proċeduri f'Mejju 2016 il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali u għalhekk il-Qorti ser tqis il-31 ta' Diċembru 2015 bħala d-data li fiha l-konvenut huwa ħati tal-firda.

## 4. Kura u kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri E

Minn dan iż-żwieġ, il-partijiet kellhom tifla, E, li twieldet fis-27 ta' Frar 2012 u li għalhekk illum għandha tnax-il sena. Is-sitwazzjoni *pendente lite* fir-rigward tal-kura u kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri, ġiet regolata permezz ta' numru ta' digrieti.

Fir-rigward ta' **kura, kustodja u aċċess**, il-Qorti tinnota li:

1. Nhar **is-27 ta' Frar 2018**[72] il-Qorti tat l-ewwel digriet rigwardanti dan u ċaħdet it-talbiet tal-attriċi wara li din talbet sabiex tingħata l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri u tkun awtorizzata tiffirma kull dokument relatat mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri weħedha kif ukoll tapplika weħedha għat-tiġdid tal-passaport tal-minuri.

**Għalhekk il-kura u kustodja tal-minuri baqgħet konġunta bejn il-partijiet f'dan l-istadju.**

*2.* Nhar **it-13 ta' Marzu 2018[73]** il-Qorti tat it-tieni digriet rigwardanti dan u ordnat *"access lill-intimat ghall-minuri nhar ta' Hamis mill-4:00pm sas-6:00pm, b'dan li l-minuri tingabar mir-residenza tal-omm kif dejjem sar u b'dan, li jekk ikollha xi attivita', l-intimat johodha ghall-attivita' u jerga' jigborha wara.*

*Tilqa' t-tieni talba, b'dan li l-intimat ikollu access darba mill-Gimgha fl-4:00pm sal-ghada fl- 4:00pm, u l-access mis-Sibt ghall-Hadd ikun mis-*

[72] Fol. 432.
[73] Fol. 449.

*Sibt fl-10:30am sal-Hadd fl-10:30am jew mis-Sibt fis-6:00pm sal-Hadd fis-6:00pm.*

*Il-Qorti tordna lill-intimat biex ma jiehux lill-minuri fi grawnds tal-futbol, li dejjem ikollu l-genituri tieghu prezenti waqt l-access u li jissottometti ruhu ghal kampjuni tal-urina u jipprezenta r-rizultati tat-testijiet f'dan il-process."*

3. B'digriet tat-**30 ta' Lulju 2019**[74] il-Qorti ħatret lil Dr Tanya Sammut bħala Avukat tat-Tfal sabiex wara li tkellem lill-minuri E tirrelata lill-Qorti dwar ir-rikors tal-konvenut tal-25 ta' Marzu 2019 li kien jirrigwarda **l-aċċess**. Wara li l-Avukat tat-tfal iltaqgħet mal-minuri u rrelatat dwar dan, b'digriet tal-**10 ta' Ottubru 2019**[75] il-Qorti:

Laqgħet it-talba tal-konvenut u ordnat li b'effett minn dik is-sena l-missier ikollu aċċess fil-Milied bejn il-11.00am sal-4.00pm u s-sena ta' wara, ikollu aċċess mill-4.00pm sad-9.00pm. Fl-ewwel tas-sena ikollu aċċess mill-4.00pm sad-9.00pm u s-sena ta' wara, l-aċċess ikun mill-11.00am sal-4.00pm u din il-modalità tibqa' talterna minn sena għall-oħra.

Fil-festi pubbliċi b'mod alternat mill-10.00am sal-5.00pm. u f'għeluq snin il-minuri il-missier ikollu aċċess ta' sagħtejn f'każ li tinzerta ġurnata ta' skola u erba' siegħat jekk tinzerta *weekend.*

Il-bqija tal-aċċess għandu jkompli skont id-digriet tat-13 ta' Marzu 2018.

Il-Qorti laqgħet it-talba biex l-omm ma tħallix lill-minuri ma terzi li m'humiex ġenituri tagħha iżda għandha toqgħod mal-missier u li l-omm isirulha testijiet tad-droga.

4. B'digriet tal-**4 ta' Diċembru 2019**[76], il-Qorti wissiet lill-konvenut sabiex joqgħod skruplozament għad-digrieti tal-Qorti.

Fir-rigward tal-**manteniment** imbagħad il-Qorti tinnota li *pendente lite*:

[74] Fol. 2190.
[75] Fol. 2195.
[76] Fol. 2790.

1. Il-Qorti tat l-ewwel digriet tagħha dwar il-manteniment fid-19 ta' Novembru 2016 fl-atti tal-medjazzjoni fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut iħallas is-somma ta' mitejn u tletin Ewro (€230) fix-xahar għall-minuri oltre nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni;

2. Permezz ta' digriet tat-**28 ta' Settembru 2017**[77] imbagħad il-Qorti ordnat lill-konvenut iħallas is-somma ta' tliet mitt Ewro (€300) kull erba' ġimgħat bħala manteniment għall-minuri liema ammont jinkludi l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni.

*3.* B'digriet imbagħad tal-**31 ta' Ottubru 2018**[78] il-Qorti ordnat illi l-manteniment dovut jitħallas kull erba' ġimgħat direttament fil-kont bankarju tal-attriċi permezz ta' *standing order.*

5. Permezz ta' digriet tas-**27 ta' Jannar 2022**[79] il-Qorti ċaħdet it-talba biex flimkien mas-somma ta' tliet mitt Ewro (€300) kull erba' ġimgħat jiżdiedu nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri.

Għaldaqstant, fil-preżent, il-kura u kustodja tinsab konġunta bejn il-partijiet, bit-tifla tirrisjedi mal-omm u bl-aċċess eżerċitat mill-missier. Barra minn hekk, il-konvenut qiegħed iħallas lill-attriċi s-somma ta' tliet mitt Ewro (€300) kull erba' ġimgħat bħala manteniment għall-minuri liema ammont jinkludi l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni.

### *4.1 Il-Kura u Kustodja u aċċess tal-Minuri*

Fil-kawża odjerna, il-Qorti tinnota illi ll-attriċi tiddikjara li l-kura u kustodja ta' binthom m'għandhiex tibqa' konġunta bejniethom iżda għandha tkun assenjata lilha, filwaqt li fil-fehma tal-missier, din għandha tibqa' konġunta.

Minn dejjem kien ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli *pro et noe* vs John Portelli**[80] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-*

[77] Fol. 406.
[78] Fol. 502.
[79] Fol. 3011.
[80] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, (Ċit. Nru: 2668/1996/2RCP)

*ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless**[81], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli"*.

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**[82] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna**[83] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…"*.

Tgħid ukoll il-Konvenzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal f'Artikolu 3:

"*In all actions concerning children, whether undertaken by public or private social welfare institutions, courts of law, administrative authorities or legislative bodies, the best interests of the child shall be a primary consideration."*

Tenut kont ta' dawn il-prinċipji bażilari u *ċioé* l-prinċipju tal-aktar utilità u dak tal-aqwa vantaġġ għall-minuri, il-Qorti għandha l-fakoltà li abbażi tal-

[81] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[82] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[83] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċit. Nru. 1715/2001/1RCP).

Artikolu 56 tal-Kap 16, tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs. Duncan Caruana**[84] u **Marlon Grech vs. Charlene Banks**[85] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna"*.

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u kif ukoll tal-provi, il-Qorti tinnota illi l-kura u kustodja *pendente lite* tal-minuri kienet dejjem fdata b'mod konġunt f'idejn il-partijiet għalkemm il-minuri dejjem jidher li għexet mal-omm fid-dar matrimonjali filwaqt li l-missier kien qed jeżerċita l-aċċess kif degretat. Magħdud ma' dan, il-Qorti tevalwa ir-rapport tal-Avukat tat-tfal joħroġ li l-minuri ma għandhiex problema biż-żewġ ġenituri tagħha u li anke t-tnejn għandhom *partner* u tħossha komda mat-tnejn. Fil-fatt il-minuri kienet kuntenta bl-arranġjament ta' aċċess kif kien.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-fatt ukoll illi wara d-digriet tagħha tas-27 ta' Frar 2018, fil-bidu tal-kawża fejn il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attriċi biex din tieħu f'idejha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, ma ġiexipprezentat xi rikors mill-partijiet sabiex il-kura u kustodja tal-minuri terġa' tiġi varjata bl-intiża li tiġi fdata unikament u esklussivament lil xi parti minnhom. Fil-fehma tal-Qorti dan jixhed illi sa mill-2018, il-minuri daħlet f'rutina ta' ħajja, li mill-atti proċesswali ma jidhirx li tali rutina ma kienetx qiegħda taħdem jew li kienet qiegħda toħloq xi preġudizzju lil partijiet jew lill-minuri.

Huwa veru li l-missier l-ewwel jgħid li kien jattendi l-attivitajiet u l-*parents day* tat-tifla mbagħad jgħid li attenda madwar darbtejn biss u għalhekk ma kienx konsistenti madanakollu l-Qorti ma hiex konvinta li l-missier ma għandux l-aħjar interessi tat-tifla għal qalbu u li bl-atti tiegħu, apparti l-istanzi fejn ħadha l-grawnd kien ta' periklu għaliha waqt il-ħinijiet tal-aċċess. Min-naħa tal-omm il-Qorti hija konvinta illi l-omm għandha l-interessi ta' bintha għal qalba anke minn dak attestat mix-xhieda

[84] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta' Mejju 2017 (Rik. Ġur. Nru. 268/11AL).
[85] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rik. Ġur. Nru. 218/13AL).

prodotta. Il-konvenut ma jitlobx varjazzjoni fir-residenza tat-tifla u jaqbel li l-kura u kustodja għandha tkun konġunta mal-omm.

Għaldaqstant, il-Qorti ma tħossx li fiċ-ċirkostanzi għandha tiddisturba r-rutina tal-minuri, u dan tenut kont tan-nuqqas ta' provi suffiċċjenti li jistabbilixxu li l-ħajja li tgħix u għadha qed tgħix il-minuri taħt l-ordnijiet tal-Qorti hija waħda li kienet u/jew qiegħda tippreġudikalha d-drittijiet tagħha.

Għaldaqstant u in vista tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma illi jkun idoneju u fl-aħjar interess suprem tal-minuri li l-kura u kustodja tibqa' fdata b'mod konġunt bejn il-partijiet, b'dan illi dawk id-deċizjonijiet ordinarji ta' kuljum rigward il-minuri għandhom jittiehdu minn dik il-parti li magħha/miegħu tkun qiegħda l-minuri, filwaqt li dawk id-deċizjonijiet ta' natura importanti, inkluż dawk ta' saħħa, edukazzjoni u safar tal-minuri, għandhom jittiehdu mill-partijiet b'mod konġuntiv.

L-aċċess għandu jsir kif ġej:

Nhar ta' Ħamis mill-4:00pm sas-6:00pm, b'dan li l-minuri tinġabar mir-residenza tal-omm u b'dan, li jekk ikollha xi attivita', il-konvenut jeħodha għall-attività u jerġa' jiġborha wara.

U ġimgħa mill-Ġimgħa fl-4:00pm sal-għada fl-4:00pm, u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt għall-Ħadd, mis-Sibt fl-10:30am sal-Ħadd fl-10:30am jew mis-Sibt fis-6:00pm sal-Ħadd fis-6:00pm.

,

Fil-Milied il-missier ikollu aċċess bejn il-11.00am sal-4.00pm u s-sena ta' wara, ikollu aċċess mill-4.00pm sad-9.00pm. Fl-Ewwel tas-Sena jkollu aċċess mill-4.00pm sad-9.00pm u s-sena ta' wara, l-aċċess ikun mill-11.00am sal-4.00pm u din il-modalità tibqa' talterna minn sena għall-oħra.

Fil-festi pubbliċi b'mod alternat mill-10.00am sal-5.00pm u f'għeluq snin il-minuri il-missier ikollu aċċess ta' sagħtejn f'każ li tinzerta ġurnata ta' skola u erba' siegħat jekk tinzerta *weekend.*

Madanakollu l-Qorti tordna illi:

1. Il-partijiet għandhom jiddeżistu milli jieħdu lill-minuri fi grawnds tal-football u postijiet oħra li jistgħu jkunu ta' preġudizzju għall-minuri;
2. Jekk l-omm tissuspetta jew tgħidilha l-minuri li l-missier qed jagħmel użu minn xi sustanzi li bihom jista' jkun ta' detriment għat-tifla waqt il-ħin tal-aċċess din għandha immedjatament tintavola rikors sabiex tiġi regolata s-sitwazzjoni;
3. F'każ illi l-missier jerġa' jidħol jagħmel programm relatat mad-droga jew xi addizzjoni oħra jew programm ta' xorta oħra huwa għandu jinforma lill-omm immedjatament u jiġi rranġat metodu ta' aċċess fl-aħjar interess tal-minuri

### *4.2. Manteniment għall-minuri*

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kap 16 li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li *ai termini* tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kap 16 għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kap 16 iservi mezz ta' gwida sabiex

jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".***

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri kalkulatti fuq prospett li għandu jġib dik il-parti li tkun qed titlob il-manteniment.

Ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana illi *"Din il-Qorti timxi mal-massima legali li min jallega ħlas dan irid jippruvah u b'hekk indubjament teżiġi li l-parti li tagħmel it-talba għandha tipprova l-każ tagħha."*[86]

---

[86] Deċiża mill-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja fit-27 ta' Jannar 2022 (Rik. Ġur Nru. 152/16 AL).

Fil-każ odjern qed jitħallas l-ammont ta’ tliet mitt Ewro (€300) kull erba’ ġimgħat bħala manteniment għall-minuri liema ammont jinkludi l-ispejjeż ta’ saħħa u edukazzjoni skont l-aħħar digriet ta’ din il-Qorti. Dan kien degretat fl-2017 kontra prospett ta’ spejjeż u riċevuti li ppreżentat l-omm. Il-konvenut jaqbel li għandha tibqa’ tingħata din is-somma. Huwa inutli li l-partijiet isemmu d-dejn li għandhom xi jħallsu u l-introjtu qawwi li l-omm qed tagħmel mid-dar matrimonjali. Il-partijiet it-tnejn qiegħdin jaħdmu u jipperċepixxu dħul u għalhekk għandhom il-mezzi biex jipprovdu manteniment. Wieħed irid jara’ x’inhuma l-bżonnijiet tat-tifla biex tgħix ħajja dinjituża u ma ssofrix iktar mill-fatt illi l-ġenituri tagħha m’għadhomx flimkien.

L-attriċi fin-nota ta’ sottomisjonijiet tagħha titlob awment fil-manteniment għal raġunijiet li jagħmlu sens għall-Qorti għaliex jekk per eżempju wieħed iqis li l-minuri tattendi skola tal-knisja, trid tingħata l-miżata. Madanakollu minn l-aħħar digriet ta’ manteniment hija ma preżentat l-ebda invoice jew prospett jew riċevuti li kontrihom din il-Qorti tista’ tikkalkula x’awment hemm bżonn jekk dan hu l-każ. Għalhekk il-Qorti trid tiddeċiedi fuq ammont *arbitro boni viri* u għalhekk qiegħda tordna lill-konvenut iħallas is-somma ta’ tliet mija u ħamsin Ewro (€350) kull erbgħa ġimgħat lill-attriċi għall-minuri E, li jkun jinkludi l-ispejjeż ta’ saħħa u edukazzjoni u li għandu jitħallas f’kont indikat mill-attriċi permezz ta’ *standing order* liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kap 16, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għall-minuri sakemm din tagħlaq l-eta` ta’ tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalità li l-minuri tagħżel li tibqa’ tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-età maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa’ jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-età ta’ tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children’s Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi. Il-manteniment imsemmi għandu jitħallas direttament lill-minuri jekk, wara li tagħlaq it-tmintax-il sena, tagħzel li tmur tgħix għal rasha u tkun qed tistudja “full-time”.

4. **Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali:**

*Bidu tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Il-Qorti tirrileva li ladarba l-partijiet iżżewġu nhar it-28 ta' Ġunju 2007, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Permezz ta' Sentenza parzjali mogħtija nhar it-22 ta' Novembru 2017, din il-Qorti laqgħet talba tal-attriċi u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap 16. Din is-Sentenza ma ġietx appellata u għalhekk din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet terminata l-komunjoni bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u assi parafernali, il-Likwidazzjoni, id-Diviżjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom:*

Fir-rigward ta' dawk l-assi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti telenka s-segwenti kif jirriżulta mill-provi li ġabu l-partijiet:

a. Dar matrimonjali bl-indirizz X, X, X Street, Birkirkara liema proprjetà ġiet akkwistata b'kuntratt tat-30 ta' Lulju 2004[87] stmata mill-Perit Etienne Fenech, imqabbad mill-konvenut għall-prezz ta' €550,000;[88]

b. Garage li għandu liċenzja kummerċjali (Class 4B) bl-indirizz X, X X Street, Birkirkara stmat mill-Perit Etienne Fenech, imqabbad mill-konvenut għall-prezz ta' €65,000;[89]

c. Proprjetà fil-Mellieħa bl-indirizz X, Apt 5, X Street, Mellieħa akkwistata mill-partijiet b'kuntratt tad-19 ta' Ġunju 2013[90] u

[87] Kopja tal-kuntratt a. fol. 528.
[88] Rapport tal-Perit ppreżentat mill-konvenut fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2023 a. fol. 3395.
[89] Rapport tal-Perit ppreżentat mill-konvenut fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2023 a. fol. 3395.
[90] Fol. 569.

stmata mill-Perit Etienne Fenech, imqabbad mill-konvenut għall-prezz ta' €125,000;[91]

d. Mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali u fil-garaxx li jintuża bħala salon u fil-post tal-Mellieħa, dwar liem mobbli iżda l-partijiet ma jġibu l-ebda prova;

e. Liċenzja ta' *host family* akkwistata sabiex jintlaqgħu l-istudenti ġewwa d-dar bl-indirizz X, X, X Street, Birkirkara;

f. Liċenzja ta' Commercial Outlet Class 4B fuq il-garage bl-indirizz X, X Street, Birkirkara;

g. Għalkemm fil-proċess jissemmew vetturi madanakollu ma nġabet l-ebda prova dwar it-tali vetturi u fuq min huma reġistrati u l-valur ta' tali vetturi;

h. Il-kontijiet bankarji f'isem il-partijiet separatament u konġunti bejn il-partijiet:

Kontijiet fuq isem l-attriċi mal-Bank HSBC Malta plc.[92]

*i. VISA Account bin-numru 4568821179962407 li fl-14 ta' Lulju 2008 kien fih is-somma ta' €0.41 bħala kreditu;*
*ii. Savings Account bin-numru 016-256232-051 li fit-22 ta' Awwissu 2016 il-bilanċ kien zero;*
*iii. Savings Account bin-numru 016-256232-054 li fil-5 ta' Settembru 2016 il-bilanċ kien zero;*
*iv. Current Account bin-numru 061-196580-001 li ngħalaq fit-13 ta' April 2004;*
*v. Savings Account bin-numru 016-256232-052 li fit-30 ta' April 2016 kien hemm bilanċ ta' €0.16. Skont ix-xhieda dan ngħalaq fit-30 ta' April 2018;*
*vi. Savings Account bin-numru 016-256232-053 li fit-28 ta' Diċembru 2015 kien hemm bilanċ ta' €0.13. Jiġi nnutat li fil-waqt li skont ix-xhieda huwa minnu li fid-9 ta'*

[91] Rapport tal-Perit ppreżentat mill-konvenut fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2023 a. fol. 3395.
[92] Xhieda tar-rappreżentanta tal-HSBC Bank Malta plc fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2019 a. fol. 686 *et. seq.*

*Mejju 2015 saret l-aħħar tranżazzjoni li permezz tiegħu l-bilanċ tal-kont ġie ażżerat, fit-28 ta' Diċembru 2015 il-kont ġie akkreditat b'imgħax ammontanti €0.13;*

*vii. Current Account bin-numru 016-256232-001 li fil-15 ta' Novembru 2017 kien hemm bilanċ ta' €0.22;*

*viii. Savings Account bin-numru 016-256232-050 li fis-7 ta' Awwissu 2017 kien hemm bilanċ ta' €1946.72;*

Kontijiet fuq isem il-konvenut mal-Bank HSBC Malta plc:[93]

*ix. Savings Account bin-numru 061-082178-050 li fl-10 ta' Jannar 2005 kien hemm bilanċ ta' zero. Fix-xhieda jingħad li dan ingħalaq fil-15 ta' Frar 2017;*

*x. Il-Qorti tinnota illi mad-Dokument tal-account preċedenti ċioé mas-Savings Account numru 061-082178-050 hemm mehmuż kont ieħor tat-tip Current bin-numru 016-256224-001 li ma ġiex indikat bi żvista mix-xhud. Fid-29 ta' Marzu 2017 kellu bilanċ ta' żero;*

*xi. Savings Account bin-numru 085-124915-050 li fix-xhieda hemm indikat li dan ingħalaq fit-28 ta' Ġunju 2012;*

*xii. Savings Account bin-numru 016-256224-050 li fit-13 ta' Ottubru 2018 kien hemm bilanċ ta' €136.16;*

Kontijiet konġunti mal-Bank HSBC Malta plc.[94]

*xiii. Loan Account bin-numru 14204915 li għadu miftuħ u li fl-10 ta' Lulju 2019 kien għad hemm bilanċ dovut lill-Bank ta' €45,188.30. Jirriżulta minn Fol.3128 illi fid-data ta' 19 ta' Frar 2022 il-bilanċ dovut lill-Bank kien ta' €42,537.93;*

*xiv. Loan Account numru 14204907 li ngħalaq fit-18 ta' Mejju 2015;*

Kontijiet fuq isem l-attriċi mal-Bank BOV plc.[95]

---

[93] Xhieda tar-rappreżentanta tal-HSBC Bank Malta plc fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2019 a. fol. 686 *et. seq.*
[94] Xhieda tar-rappreżentanta tal-HSBC Bank Malta plc fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2019 a. fol. 686 *et. seq.*
[95] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank BOV plc. fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2019 a. fol. 686 *et. seq.*

*i. Ix-xhud tippreżenta cheque image maħruġ mill-Bank a favur ċertu Joe Caruana fl-ammont ta' Lm12,000 fit-30 ta' Lulju 2004;*

*ii. Savings Account bin-numru 15305566014 li ngħalaq f'Jannar 2001 b'bilanċ ta' żero;*

*iii. Savings Account bin-numru 172-1907501-3 liema kont ngħalaq fit-8 ta' Mejju 2002 b'bilanċ ta' żero;*

*iv. Savings Account bin-numru 40013351793 li fid-9 ta' Ottubru 2017 kellu bilanċ ta' €603.56;*

*v. Current Account bin-numru 40013417307 li fit-30 ta' Diċembru 2017 kellu bilanċ ta' żero;*

*vi. Savings Account bin-numru 40017262671 li fit-23 Diċembru 2017 kellu bilanċ ta' żero;*

*vii. EURO 30 month Term Deposit Account li mmatura fit-3 ta' Ottubru 2012;*

*viii. Savings Account A B C account E bin-numru 40020772161 li fl-24 ta' Diċembru 2018 kellu bilanċ ta' żero;*

*ix. Credit Card VISA Gold bin-numru 4459510011405012 li fit-2 ta' Novembru 2017 kien hemm bilanċ dovut lill-Bank ta' €181.05.*

*x. Ix-xhud tgħid li inxtrat life policy f'isimhom joint mingħand BOV bħala agent, policy number AP 011418;*

Kontijiet fuq isem il-konvenut mal-Bank BOV plc.[96]

*xi. Savings Account bin-numru 16314796010 li ngħalaq fit-12 ta' Novembru 2012 b'bilanċ ta' żero;*

*xii. Business OVERDRAFT Account bin-numru 40012930267 li fil-11 t'April 2014 il-bilanċ kien żero. Dan jidher li tħallas permezz ta' business loan f'isem il-konvenut li ħareġ il-konvenut mal-istess Bank, fl-istess data tal-għeluq (Business loan Account bin-numru 4002229966-8 indikat f'din il-lista);*

*xiii. Current Account bin-numru 4009848022 li ngħalaq fit-3 ta' Frar 2016 bil-bilanċ ta' żero;*

[96] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank BOV plc. fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2019 a. fol. 686 *et. seq.*

*xiv. Business loan Account bin-numru 4002229966-8 illi tħallas fit-28 ta' Awwissu 2017 b'pagament finali ta' €4,143.57;*

Kontijiet konġunti mal-Bank BOV plc:[97]

*xv. Savings Account bin-numru 40013351803 li fis-7 ta' Novembru 2016 kellu bialnċ ta' żero;*
*xvi. House Loan Account bin-numru 4001353781-8 li tħallas fid-19 ta' Ġunju 2013 b'pagament kapitali ta' €25,438.85;*
*xvii. House Loan Account bin-numru 4001353782-1 li tħallas fi Frar 2007 b'pagament ta' LM975.66;*
*xviii. House Loan Account bin-numru 4001353783-4 li tħallas fi Frar 2007 li tħallas fi Frar 2007 b'pagament kapitali ta' Lm6141.33;*
*xix. Current Account bin-numru 40013620220 li ngħalaq fil-15 ta' Mejju 2014 b'bilanċ ta' żero;*

Fir-rigward ta' dawk id-djun li jaggravaw il-komunjoni tal-akkwisti jew allegatament jaggaravaw l-istess, il-Qorti telenka s-segwenti kif jirriżulta mill-provi li ġabu l-partijiet:

1. Dejn ma' K L[98] għall-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000) bi tnejn punt ħamsa fil-mija (2.5%) interessi liema dejn ittieħed fit-22 ta' April 2015 li skont l-attriċi u s-Sinjura L ttieħed biex jinqata' d-dejn fuq id-dar matrimonjali li l-partijiet kellhom mal-HSBC (preċedentement mal-Bank BOV)[99] Jidher illi l-pagamenti lis-Sinjura L waqqfu jitħallsu f'Mejju 2016 meta l-partijiet bdew jisseparaw u fadal l-ammont ta' tlieta u għoxrin elf, tliet mija u tlieta u sebgħin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€23,373.59);

[97] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank BOV plc. fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2019 a. fol. 686 *et. seq.*
[98] Affidavit ta' K L a. fol. 544 tal-proċess.
[99] Statement tal-Bank HSBC a. fol. 1034 jidher li d-dejn ġie transferred mal-HSBC u li tħallas fl-4 ta' Mejju 2015.

2. Dejn ma' K L[100] fl-1 ta' Diċembru 2010 għall-ammont ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) u peress li n-negozju kien qiegħed ifalli is-Sinjura L u l-attriċi jgħidu li ttieħdu dawn il-flus biex in-negozju seta' jitkompla u dawn inggħataw lill-attriċi fl-2010 u l-2011. Il-Qorti tista' tintraċċa tliet pagamenti ta' ħamest elef Ewro (€5,000) bħala transfer mill-attriċi ġewwa l-*overdraft account* tal-konvenut. Din is-somma ta' self kienet bdiet titħallas lura lis-Sinjura L u llum baqa' bilanċ ta' ħmistax-il elf, erbgħa mija u erbgħa u ħamsin elf Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€15,454.68);[101]

3. Dejn ta' wieħed u għoxrin elf tmien mija u tmienja u disgħin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€21,898.23) li jgħid li ħallas missier il-konvenut biex qatalu d-dejn li kien baqa' fuq l-*overdraft* tan-negozju. Il-missier jiddikjara li ta lill-partijiet din is-somma fil-31 ta' Diċembru 2014[102] filwaqt li fil-kont tal-*overdraft*[103] jidher li daħlu s-somma ta' wieħed u għoxrin elf tmien mija u tmienja u disgħin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€21,898.23) ġol-kont tal-*overdraft* fil-11 ta' April 2014 u li ġew minn *business loan account* ieħor fuq isem il-konvenut u li nfetaħ fl-istess data li ngħalaq l-*overdraft* l-ieħor u *ċioé* fil-11 ta' April 2014. Hawnhekk il-Qorti titħasseb serjament dwar il-kredibilità tax-xhud V B. Il-Qorti ssibha diffiċli temmen li persuna tista' jew ma tiftakarx jew inkella tiżbalja fir-rigward ta' jekk l-istess persuna tkunx ħallset ammont sostanzjali bħal dan. Il-fatt illi l-Qorti stess qed tirrileva li l-verżjoni li ta dan ix-xhud fuq dan l-ammont hija fattwalment żbaljata, jekk mhux addirittura inveritjiera, anke minn sempliċi eżami tal-kontijiet bankarji tqajjem dubju f'moħħ il-Qorti dwar kemm l-istess xhud huwiex attendibbli u kredibbli fuq affarijiet oħra li xehed dwarhom;

4. Dejn ma' M N fl-ammont ta' tmien t'elef Ewro (€8,000) bi tnejn punt ħamsa fil-mija (2.5%) interessi li ttieħed fl-4 ta' Mejju 2013 li l-attriċi, s-Sinjura N u Graziella Attard C, oħt l-attriċi[104] jispjegaw li ttieħed meta falla n-negozju tal-*food truck.* Dan in-negozju kien bejn l-attriċi u oħtha u l-irġiel tagħhom u meta dan in-negozju beda sejjer ħażin, jgħidu li kien intlaħaq ftehim li oħt l-attriċi tissalda l-*Jeremie Loan* li kienet ittieħdet għan-negozju u l-attriċi u żewġha jissaldaw dak li kien fadal maz-zijiet.

[100] Affidavit ta' K L a. fol. 544 tal-proċess.
[101] Dok. D anness ma' rikors tal-attriċi a. fol. 344 tal-proċess.
[102] Fol. 3250.
[103] Dok. JB 13 a. fol. 2040.
[104] Affidavit ta' M N a. fol. 546 u ta' Graziella Attard C a. fol. 547.

Oħt l-attriċi tixhed fl-affidavit tagħha li kienu ħadu dejn maz-zijiet u l-attriċi u s-Sinjura N jgħidu li kien baqa' tmien t'elef Ewro (€8,000) x'jitħallsu u dawn tħallsu mis-self li sar mas-Sinjura N.

5. Dejn mal-Bank HSBC fl-ammont ta' €54,000 kkuntrattat fid-19 ta' Ġunju 2013 sabiex jinxtara l-appartament ġewwa l-Mellieħa bl-indirizz Karmelini, Apt 5, Klamari Street, Mellieħa li jirriżulta mix-xhieda tal-Bank a. fol.3128 illi fid-data ta' 19 ta' Frar 2022 il-bilanċ dovut lill-Bank kien ta' €42,537.93. L-attriċi tispjega u tippreżenta dokumenti[105] li juru illi meta l-konvenut telaq mid-dar hija baqgħet tħallas il-*loan* fuq dan il-post kif ukoll il-kontijiet tas-servizzi filwaqt li tgħid li l-konvenut biddel il-lock u prova jikrih.

6. Dejn li missier il-konvenut jiddikjara li għandhom miegħu l-partijiet fix-xhieda tiegħu fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2023[106] u li jikkonsisti fis-segwenti:[107]

| | | |
|---|---|---|
| **Dok. VP**: | Paġna 1: | €11,427.00 |
| | Paġna 2: | €33,240.49 |
| | Paġna 3: | €14,684.87 |
| | Paġna 4: | €1,409.26 |
| | Paġna 5: | €12,515.84 |
| | Paġna 6: | €1,984.00 |
| | Paġna 7: | €242.25 |
| | Paġna 8: | €80,768.59 |

Il-Qorti tinnota li meta jixhed missier il-konvenut jippreżenta din il-lista ta' dokumenti għaliex jgħid li hu jrid "*niehu flusi lura hu, mingħandhom it-tnejn hu. Jiena flus hrigt.*". Jgħid ukoll li fil-lista hemm spejjeż li ħareġ ukoll il-konvenut għaliex jgħid "*fejn ma kontx nasal jiena kien imbagħad jgħini t-tifel; hemm ċekkijiet tiegħu ukoll hemmhekk.*" Din l-istess lista ta' dokumenti, flimkien ma' dokumenti oħra, kienu diġà ppreżentati permezz ta' nota fl-atti mill-konvenut[108] fejn jingħad li dawn l-ispejjeż kienu "*inkorsi waqt iz-zwieg minn D B*"*.* Għaldaqstant f'dan il-punt meta ġiet intavolata n-Nota il-konvenut kien għadu qed jgħid li dawn kienu inkorsi minnu. Ma'

[105] Rikors a. fol. 618.
[106] Fol. 3384.
[107] Dokumenti a. fol. 3249.
[108] Nota tat-18 ta' Settembru 2017 a. fol. 49.

din in-nota l-konvenut annetta wkoll pakketti ta' dokumenti, li jidhru li huma parti mill-istess pakkett ta' provi li intavola missieru, iżda li mid-dehra missieru ma pprezentax mas-sett tad-dokumenti tiegħu. Dawn huma Dok 9 sa Dok 14 annessi man-Nota tat-18 ta' Settembru 2017. Dawn huma spejjeż li effettivament gawdew il-partijiet fiż-żwieġ u għalhekk il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni tagħhom.

Id-dokumenti ppreżentati minn missier il-konvenut jikkonsistu fil-mamma ta' ċekkijiet li jgħid li ħareġ missier il-konvenut flimkien ma' dikjarazzjonijiet minn naħa tiegħu. Fil-kontro-eżami[109] missier il-konvenut jispjega li huwa għamel kumpilazzjoni ta' dawn id-dokumenti meta talbitu d-difensur tal-konvenut meta l-partijiet bdew il-kawża. Huwa jgħid li għalkemm għadda ż-żmien huwa jiftakar x'kien għamel u xi flus ħareġ.

Il-Qorti tinnota illi l-biċċa kbira tal-ħlasijiet imsemmija huma ta' xogħolijiet fuq il-proprjetajiet tal-konjuġi. Madanakollu il-Qorti tinnota illi jiġu mniżżla s-segwenti:

> Paġna 5 – l-ammont ta' għaxart elef Ewro (€10,000) mill-bejgħ tal-kiosk li jgħid li ħadithom l-attriċi. L-introjtu li jidħol fiż-żwieġ jifforma parti mill-komunjoni u ma hemm l-ebda prova li dan ma ntużax għall-istess u għalhekk dak li ser jingħad dwar id-djun tal-komunjoni ma għandux japplika għal dan l-ammont għaliex ma hux dovut;
>
> Paġna 6 u 7 – rigali għall-konvenut u safriet kif jikkonferma missier il-konvenut fil-kontro-eżami[110]. Il-Qorti tinnota li fil-kontro-eżami missier il-konvenut isemmi li l-kitarra nxtrat għal ibnu l-konvenut[111] filwaqt li fin-nota a. fol. 49 fejn kienu diġà ġew preżentati dawn id-dokumenti, hemm sottomess illi dawn kienu jirrapreżentaw flejjes għal kitarra u lezzjonijiet tal-attriċi - dawn il-Qorti mhix ser tqishom bħala dejn tal-komunjoni għaliex fil-fatt huma rigali għall-konvenut u għalhekk dak li ser jingħad dwar id-djun tal-komunjoni ma għandux japplika għal dawn iż-żewġ ammonti ta' elf disa' mija u erbgħa u tmenin elf Ewro (€1,984.00) u mitejn u tnejn u erbgħin Ewro u

[109] Seduta tat-22 ta' Ġunju 2023 a. fol. 3422.
[110] Fol. 3423.
[111] Fol. 3424.

ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€242.25) għaliex dan l-allegat dejn ma hux dovut;

Paġna 8 – Missier il-konvenut iniżżel ukoll il-ħinijiet li huwa għamel jaħdem fil-*hardware store* għal l-ammont ta' tmintax-il elf erba' mija u tmien Ewro (€18,408) u ma jġib l-ebda prova ta' dan. Huwa jgħid fil-kontro-eżami illi dawn l-ammonti kitibhom riċentement waqt il-proċeduri meta d-difensur tal-konvenut talbithomlu.  Il-Qorti ssib kurjuż kif allegatament ix-xhud ħadem fil-*hardware store* u kjarament ma tħallasx la qiegħed ivanta pretensjoni ta' ħlas illum u issa f'din il-kawża qiegħed jippretendi l-ħlas. Jew ħadem *pro bono* jgħin it-tifel jew inkella l-konvenut kiser il-Liġi billi ma ħallasx lil xi ħadd li ħadem għalih. Il-Qorti hija iżjed propensa temmen l-ewwel xenarju milli t-tieni, u ma temminx li dan l-ammont huwa dovut b'ebda mod partikolarment la x-xhud ma ħassx il-ħtieġa li jenforza dak li suppost kien dritt tiegħu li jesiġi l-ħlas, u ppropona tali pretensjoni għaliex id-difensur tat-tifel hekk talbitu, konvenjentement fl-isfond tas-separazzjoni personali tat-tifel. Di piu`, il-Qorti ma hix konvinta li dawn l-ammonti huma korretti u fin-nuqqas ta' prova qed tiċħad kull talba dwarhom;

Fl-istess lista fuq Paġna 8 tissemma wkoll is-somma ta' tlettax-il elf tliet mija u sittin Ewro (€13,360) taż-żmien li l-attriċi għamlet tgħix mal-ġenituri tal-konvenut. Hawn ukoll ma nġabet l-ebda prova u l-Qorti lanqas ma hi konvinta minn dawn l-ammonti, apparti illi ma jirriżultax illi kien hemm ftehim bejn il-ġenituri u l-attriċi li hi tħallashom lura ta' dak iż-żmien. Il-Qorti ssib li l-kumment miktub tax-xhud fuq il-prospett minnu redatt li qiegħed jattribwixxi ammont ta' għaxar Ewro (€10) għal kuljum li 'qeda' l-mara ta' ibnu bħala wieħed irriżorju.

*Di piu* l-Qorti tosserva li l-prova li ttenta l-konvenut b'dan ix-xhud, u *ċioé* kjarament li hemm djun gravanti l-komunjoni ta' l-akkwisti favur missier il-konvenut huwa bbażat fuq prospetti u kopji ta' mammi ta' ċekkijiet allegatament maħruġa minn dan ix-xhud. Il-Qorti ma hiex konvinta li tassew dawn id-djun ġew ippruvati sodisfaċjentement għall-iskop ta' din il-kawża, u dan *stante* li fl-ewwel lok, il-Qorti m'għandha ebda ħjiel dwar minn liema kont, u fuq min huwa attestat iċ-*cheque book* li minnu dawn

il-mammi jappartjenu. *In oltre*, il-Qorti tirrileva li l-aħjar prova kienet tkun effettivament il-prova taċ-*cheque image* u t-tisrif tiegħu, u kwindi b'ebda mod ma l-Qorti jista' jkollha l-komfort li tassew dawn id-djun favur missier il-konvenut tassew jirriżultaw, u dan *stante* li l-Qorti ma tqisx li, sa dan l-istadju, inġiebu provi biżżejjed sal-grad rikjest mil-Liġi.

L-attriċi tixhed ukoll dwar dejn li għamlet maz-zijiet tagħha qabel iż-żwieġ mingħand G Bajada, Fr I H u Sr J H. Dan id-dejn kien jammonta għal sittax-il elf liri Maltin (Lm16,000) skont l-affidavit tal-attriċi u dikjarazzjoni taz-zijiet annessa mal-istess affidavit.[112] Dawn il-flus tħallsu sas-sena 2012 skont affidavit taz-ziju tal-attriċi Fr I H;[113]

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu il-konvenut jgħid illi s-self fuq id-dar matrimonjali kien inqata' permezz ta' dan is-self maz-zijiet li kien sar fl-2012, madanakollu l-Qorti tinnota li s-self li kien ittieħed rigward id-dar matrimonjali kien ta' ħamsa u tletin elf Liri Maltin (Lm35,000) u mhux Ewro u għalhekk ma kienx inqata' d-dejn kollu tad-dar maz-zijiet (li kienu sellfuhom Lm16,000) u għalhekk ittieħed self ieħor ma' K L għall-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000). Hu jgħid ukoll li l-attriċi ma ppruvatx sodisfaċjentement id-djun li tallega li jeżistu mal-familjari tagħha b'ammonti minn *bank accounts* u *invoices* relattivi u li lanqas seta' jsir il-kontro eżami ta' l-istess xhieda.

Il-Qorti ma hiex sodisfatta bil-mod kif il-partijiet ippreżentaw il-provi dwar djun jew allegat djun ma' familjari tagħhom. Il-Qorti tinsab ukoll preokkupata minħabba l-fatt li x-xhieda tal-partijiet u x-xhieda tagħhom ma jirriflettux tranzazzjoni li l-Qorti qabdet u hemm dubji wkoll dwar il-veraċità ta' l-istess. Dan ma jfissirx lanqas, però, li ma hemmx djun u ma hiex komda lanqas teżonera lill-partijiet minn djun li jista' jkun li tassew jeżistu iżda li l-partijiet, b'non-kuranza f'din il-kawża, ma ppruvawx sal-grad rikjest biex il-Qorti tkun tista' tiddeciedi. Li se tagħmel il-Qorti hija li se tirrendi l-partijiet solidalment responsabbli għal dawn l-allegati djun, jekk tassew jeżistu, bi dritt ta' rivalsa fil-konfront ta' xulxin f'każ li parti jew oħra tħallas, jew hija kostretta tħallas, iżjed minn sehmha. Dan ma jgħoddx għad-djun fl-ammonti li l-Qorti hawn fuq speċifikat li ma humiex dovuti.

[112] Fol. 541.
[113] Fol. 543.

*Lista ta' assi parafernali tal-partijiet:*

Għalkemm il-partijiet ma jispeċifikawx listi ta' assi parafernali, jirriżulta mill-provi[114] illi l-attriċi kellha l-ammont ta' ħmistax-il elf liri Maltin (Lm15,000) minn bejgħ ta' proprjetà li kienet xtrat mal-għarus li kellha qabel bdiet toħroġ mal-konvenut. B'dawn il-flus jirriżulta li hi ħallset id-deposit ta' tliet elef liri Maltin (Lm3,000) fuq id-dar matrimonjali u tnax-il elf liri Maltin (Lm12,000) għall-*finishings*. Ir-rappreżentanta tal-Bank BOV meta tixhed dwar kontijiet tal-attriċi tippreżenta *cheque image* maħruġ mill-Bank a favur ċertu Joe Caruana fl-ammont ta' tnax-il elf liri Maltin (Lm12,000) fit-30 ta' Lulju 2004.[115]

**Fid-dawl tal-provi prodotti l-Qorti sejra tordna s-segwenti pjan ta' likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u assenjazzjoni ta' assi parafernali:**

Stabbilit il-premess, il-Qorti tara illi:

*Fir-rigward il-fond matrimonjali u l-garage li jinsab taħt id-dar,* il-Qorti tqis li dawn għandhom jiġu assenjati liż-żewġ kontendenti b'dak illi l-attriċi jkollha d-dritt tibqa' tirrisjedi fid-dar u tagħmel użu mill-garaxx ad esklużjoni tal-konvenut, sakemm il-minuri tagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena, meta mbagħad id-dar u l-garaxx jitqiegħdu fuq is-suq għall-bejgħ bi prezz stabbilit minn perit tekniku li jiġi maħtur permezz ta' rikors f'dawn l-atti, u wara li jinqatgħu spejjeż u taxxi anċillari u l-attriċi tiġi assenjata l-kreditu parafernali fis-somma ta' ħmistax-il elf liri Maltin (Lm15,000), ir-rikavat għandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. L-attriċi jkollha d-dritt ta' *first refusal* f'każ li tkun trid takkwista d-dar hi qabel ma jiġu kkunsidrati offerti minn terzi persuni.

L-attriċi għandha tħallas kull kont pendenti ta' utilitajiet li hemm fuq id-dar matrimonjali u fuq il-garaxx u għandha tibqa' tħallas dawn il-kontijiet hi sakemm dawn il-proprjetajiet jinbiegħu. L-attriċi żżomm ukoll il-liċenzja ta' *host family* u jkollha d-dritt li tibqa' tużaha fid-dar f'każ li hi tixtieq li

---

[114] Dokumenti annessi mal-affidavit tal-attriċi a. fol. 507.
[115] Fol. 1037,

tibqa' tagħmel użu minnha. Il-Liċenzja ta' Commercial Outlet Class 4B tal-garaxx tiġi assenjata wkoll lill-attriċi.

*Fir-rigward tal-flat bl-indirizz X, Apt 5, X Street, Mellieħa* għandu jiġi assenjat liż-żewġ kontendenti b'dak illi l-konvenut jkollu d-dritt jibqa' jirrisjedi fil-flat ad esklużjoni tal-attriċi, sakemm il-minuri tagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena, meta mbagħad il-post jitqiegħed fuq is-suq għall-bejgħ bi prezz stabbilit minn perit tekniku li jiġi maħtur permezz ta' rikors f'dawn l-atti, u wara li jinqata' d-dejn, spejjeż u taxxi anċillari, ir-rikavat għandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Il-konvenut ikollu d-dritt ta' *first refusal* f'każ li jkun irid jakkwista l-flat hu qabel ma jiġu kkunsidrati offerti minn terzi persuni. Sakemm jinbiegħ il-flat, iż-żewġ partijiet għandhom jibqgħu jħallsu d-dejn gravanti l-flat mal-Bank HSBC fi kwoti ndaqs bejniethom.

Il-konvenut għandu jħallas kull kont pendenti ta' utilitajiet u jibqa' jħallas tali kontijiet sakemm jinbiegħ dan il-post.

*Fir-rigward tal-kontijiet bankarji* kull parti għandha żżomm il-kontijiet intestati fuq isimha u għar-rigward tal-kontijiet konġunti dawn għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet bil-valur li kellhom fit-22 ta' Novembru 2017 u *ċioé* mid-data tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, b'kull ekwiparazzjoni neċessarja.

Ir-rappreżentanta tal-Bank BOV tixhed li nxtrat *life policy* f'isem il-partijiet *joint* mingħand il-BOV bħala *agent* iżda ma tinġieb l-ebda prova dwar dan. Għalhekk f'każ li din il-*life policy* f'isem il-partijiet għadha attiva din għandha titwaqqaf u tinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

*F'każ illi l-partijiet għandhom karozzi* fuq isimhom, kull parti għandha tiġi assenjata l-vetturi reġistrati f'isimha.

Dejn gravanti l-komunjoni

Il-Qorti tinnota illi l-partijiet pruvaw minn kollox biex jikkonvinċu l-Qorti illi kull naħa għamlet djun ma' familjari tagħha u li dawn id-djun huma djun tal-komunjoni. Il-Qorti, filwaqt li żżomm ferm mal-osservazzjonijiet li

għamlet f’din is-sentenza fir-rigward tad-djun prospettati mill-partijiet, qed tiddeċiedi illi l-partijiet għandhom jibqgħu solidalment responsabbli għal dawn id-djun, jekk tassew jeżistu, bid-dritt ta’ rivalsa fil-konfront ta’ xulxin f’każ li parti jew oħra tħallas, jew tkun kostretta tħallas iżjed minn sehemha minn tali djun.

Dan ma jgħoddx għad-dejn mal-Bank HSBC kkuntrattat fid-19 ta’ Ġunju 2013 sabiex jinxtara l-appartament ġewwa l-Mellieħa bl-indirizz Karmelini, Apt 5, Klamari Street, Mellieħa li dwaru l-Qorti diġà ddeċidiet li dan id-dejn għandu jibqa’ jiġi mħallas miż-żewġ partijiet ugwalment.

Dan ma jgħoddx ukoll għall-ammonti li l-Qorti issenjalat iktar ‘il fuq li m’humiex dovuti u *ċioé* l-ammonti kollha msemmija f’Dok. 9 sa Dok. 14 annessi man-Nota tat-18 ta’ Settembru 2017[116] u għall-ammonti msemmija f’Paġni 6,7 u 8 tal-listi ta’ djun li jsemmi missier il-konvenut u *ċioé* €10,000, €1,984.00, €242.25, €18,408 u €13,360 għar-raġunijiet ġia spjegati mill-Qorti hawn iktar ‘il fuq.

*Assi parafernali:*

*Krediti*

L-attriċi għandha kreditu ta’ ħmistax il-elf liri Maltin (Lm15,000) u *ċioé* erbgħa u tletin elf disgħa mija u erbgħin Ewro (€34,940) li għandha tipperċepixxi mir-rikavat tad-dar  tad-dar meta din tinbiegħ.

Dwar il-kreditu li jitlob il-konvenut għal nofs id-dħul li pperċepiet l-attriċi mix-xogħol ta’ *host family* wara li ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti l-Qorti tiċħad din it-talba b’applikazzjoni tal-Artikolu 48 (ċ) tal-Kap 16.

## 5. Kunjom Xbubit l-Attriċi:

L-attriċi titlob il-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha. Il-Qorti tilqa’ din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

---

[116] Fol. 49.

**DEĊIDE:**

**Ikkunsidrat dak kollu hawn fuq premess, il-Qorti filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:**

1. Tilqa' l-ewwel talba u tipronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti bi ħtija attribwibbli lill-konvenut għar-raġunijiet spjegati f'din is-sentenza u tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament minn żewġha u tirreverti għal kunjom xbubitha C;

2. Tiddeċiedi dwar it-tieni talba fuq il-kura u kustodja, residenza u aċċess tal-minuri skont il-provvedimenti ta' Titolu 4.1 _Kura u Kustodja u aċċess għall-minuri_ ta' din is-Sentenza;

3. Tilqa' t-tielet u r-raba' talba attriċi u tordna lill-konvenut iħallas is-somma ta' tliet mija u ħamsin Ewro (€350) kull erbgħa ġimgħat lill-attriċi għall-minuri E li jkun jinkludi l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u li għandu jitħallas f'kont indikat mill-attriċi permezz ta' *standing order* liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kap 16, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għall-minuri sakemm din tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalità li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-età maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi. Jekk il-minuri tagħzel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il sena u tkun għadha qed tistudja fuq bażi "full-time", i-manteniment jitħallas direttament lilha.

4. Tilqa' l-ħames talba b'applikazzjoni ta' Artikolu 48 tal-Kap 16;

5. Tilqa' s-sitt talba u tapplika kontra l-konvenut l-effetti tal-artikolu 48 *et seq.* tal-Kap 16;

6. Tilqa' s-seba' talba skont dak deċiż fil-provvedimenti tal-ħames (5) parti ta' din is-Sentenza u *ċioé "**It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti** u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali";*

7. Tilqa' t-tmien talba *in parte* b'dan illi xxolji u tillikwida l-beni appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti u tali diviżjoni u assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvedimenti tal-ħames (5) parti ta' din is-Sentenza u *ċioé "**It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti** u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali",* u dan mingħajr ebda ħtieġa li jiġu maħtura Nutara jew kuraturi kif mitlub*;*

8. Tiċħad id-disa' talba *stante* li ma tinkwadrax fil-parametri ta' dak meħtieġ f'kawża ta' separazzjoni;

9. Tilqa' l-għaxar talba b'dan illi tiddeċiedi dwar il-beni u l-krediti parafernali skont il-provvedimenti tal-ħames (5) parti ta' din is-Sentenza u *ċioé "It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti **u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali**";*

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża jkunu a karigu tal-konvenut.